IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 22.4.2010
KUMM(2010)177 finali

2010/0094 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Abbażi tal-mandat mogħti lill-Kummissjoni mill-Kunsill, fit-26 ta' Settembru 2009, il-Komunità u l-Gżejjer Solomon innegozjaw u inizjalaw Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li jipprovdi opportunitajiet ta' sajd lis-sajjieda tal-UE fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon. Dan il-Ftehim ta' Sħubija, flimkien ma' Protokoll u l-Annessi tiegħu, ġie konkluż għal perjodu ta' tliet snin, li jista' jiġġedded. Fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim jirrevoka u jissostitwixxi l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar is-sajd 'il barra mill-Gżejjer Solomon li daħal fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2006.

Il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Kummissjoni kienet ibbażata, fost affarijiet oħra fuq ir-riżultati tal-evalwazzjoni magħmula minn esperti esterni.

Il-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid huwa mmirat li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer Solomon u jippromwovi qafas ta' sħubija li fih jiżviluppaw politika tas-sajd sostenibbli u sfruttar responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon fl-interessi taż-żewġ Partijiet.

Iż-żewġ partijiet qablu li jikkooperaw bil-għan li jimplimentaw politika settorali tas-sajd adottata mill-Gżejjer Solomon u għal dak l-għan għandhom jibdew djalogu politiku dwar ir-riformi meħtieġa. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Protokoll hija stabbilita għal EUR 400 000 fis-sena, li tikkorrispondi għall-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet tat-tonn b'tendenzi għolja li jpassu. 50 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja huwa allokat għall-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-għanijiet identifikati fil-kuntest tal-politika settorjali tas-sajd imfassla mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon.

Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd, se jkunu awtorizzati jistadu 4 bastiment tas-sajd bil-purse seines. Ma ġewx innegozjati opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti li jistadu bil-konz. Madankollu, il-protokoll il-ġdid jinkludi klawżola li tippermetti l-possibbiltà li jiġu introdotti opportunitajiet ġodda tas-sajd, anke għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, jekk tinqala' l-ħtieġa għal dan.

Is-sidien tal-bastimenti tal-UE għandhom iħallsu tariffi għas-sajd ta' EUR 13 000 għal kull bastimenti tas-sajd bil-purse seine. Barra minn hekk, is-sidien tal-bastimenti tal-UE għandhom jieħdu l-impenn li mill-inqas 25% tal-baħħara li jimpjegaw ikunu joriġinaw minn pajjiżi AKP, u jagħtu prijorità lil baħħara mill-Gżejjer Solomon, u wkoll li jikkontribwixxu għall-programm ta' osservazzjoni.

Il-Ftehim ta' Sħubija jipprovdi wkoll għall-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fil-qasam tas-sajd bil-għan li jitħeġġeġ is-sajd responsabbli fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Solomon sabiex jiġu ggarantiti l-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jadotta l-konklużjoni ta' dan il-Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon.

2010/0094 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' […]

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43(2) , flimkien mal-Artikolu 218 (6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) Fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2009 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati f'isem il-Komunità bil-għan li tikkonkludi Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Gżejjer Solomon, il-Komunità nnegozjat mal-Gżejjer Solomon, Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd li jipprovdi opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Gżejjer Solomon fir-rigward tas-sajd.

(2) B'riżultat ta' dawk in-negozjati ġie inizjalat Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd fis-26 ta' Settembru 2009.

(3) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/XXX ta' [...][2], il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon attwalment qed jiġi applikat provviżorjament.

(4) Dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon b'dan huwa konkluż.

---

[1] ĠU C [...], [...], p. [...].
[2] ĠU C [...], [...], p. [...].

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna awtorizzata biex tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, bin-notifika stabbilita fl-Artikolu 18 tal-Ftehim, u tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tkun pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Magħmul fi Brussell*.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

FTEHIM TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD
bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer Solomon

Il-KOMUNITÀ EWROPEA minn hawn ’il quddiem "il-Komunità",

u

Il-Gvern tal-Gżejjer Solomon, minn issa 'l quddiem "Il-Gżejjer Solomon",

Minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet",

FILWAQT LI JQISU r-relazzjoni ta’ ħidma mill-qrib bejn il-Komunità u l-Gżejjer Solomon, partikolarment fil-kuntest tal-Ftehim ta’ Cotonou, u x-xewqa tagħhom it-tnejn li jiżviluppaw dawn ir-relazzjonijiet;

FILWAQT LI JQISU x-xewqa taż-żewġ Partijiet li jħeġġu l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' kooperazzjoni msaħħa,

FILWAQT LI JQISU l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut b'Tendenza Kbira li Jpassi,

DETERMINATI li japplikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzonijiet tal-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent u fiċ-Ċentru tal-Paċifiku, minn hawn 'il quddiem "WCPFC";

KONXJI tal-importanza tal-prinċipji stabbiliti permezz tal-Kodiċi ta’ Mġiba dwar sajd responsabbli adottat fil-Konferenza tal-FAO fl-1995.

JIRRIKONOXXU d-drittijiet sovrani tal-Gżejjer Solomon, f'konformità mal-Konvenzjoni tal-1982 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, il-Ftehim tal-1995 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet ta' Ħut b'Tendenza kbira li Jpassi u prinċipji u prattiki oħra tad-dritt internazzjonali, id-drittijiet sovrani għall-finijiet ta' esplorazzjoni, sfruttar, konservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi ħajjin fiż-ŻEE tal-Gżejjer Solomon,

DETERMINATI li jikkooperaw, fl-interess reċiproku tagħhom, biex iħeġġu titjib fis-sajd responsabbli biex tiġi żgurata l-konservazzjoni fit-tul u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar.

KONVINTI li din il-kooperazzjoni għandha tkun imsejsa fuq il-komplimentarjetà tal-inizjattivi u l-azzjonijiet imwettqa kemm b'mod konġunt kif ukoll minn kull waħda mill-Partijiet sabiex jiżguraw il-koerenza tal-politika u s-sinerġija tal-isforzi.

BI ĦSIEBHOM, għal dawn il-finijiet, li jiftħu djalogu dwar il-politika settorjali tas-sajd fil-Gżejjer Solomon u li jidentifikaw il-mezzi xierqa sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effettiva ta’ din il-politika kif ukoll biex l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili jiddaħħlu fil-proċess;

ĦERQANA biex jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Komunità fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon, kif ukoll dawk li jirrigwardaw l-appoġġ mogħti mill-Komunità għat-titjib tas-sajd responsabbli f'dawk l-ilmijiet,

DEĊIŻI li jikkooperaw aktar mill-qrib ekonomikament fl-industrija tas-sajd u fl-attivitajiet relatati magħha, permezz tat-twaqqif u l-iżvilupp ta' impriżi konġunti li jinvolvu kumpaniji miż-żewġ Partijiet.

FTIEHMU DWAR DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1
Ambitu

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw:

– il-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fil-qasam tas-sajd bil-għan li jitħeġġeġ is-sajd responsabbli fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Solomon sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tal-Gżejjer Solomon;

– il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għaż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon;

– il-kooperazzjoni dwar metodi ta' kontroll tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Solomon sabiex jiġu żgurati l-osservanza tal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd, u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat;

– sħubijiet bejn kumpaniji bil-għan li, fl-interess komuni, jiġu żviluppati attivitajiet ekonomiċi fis-settur tas-sajd u fl-attivitajiet relatati.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "L-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon" tfisser il-Ministeru għas-Sajd u r-Riżorsi tal-Baħar tal-Gżejjer Solomon;

(b) "L-awtoritajiet tal-Komunità", tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

(c) "Żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon", tfisser l-ilmijiet li, f'dak li jirrigwarda s-sajd, jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Gżejjer Solomon; L-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti Komunitarji li hemm provvediment għalihom f'dan il-Ftehim għandhom iseħħu biss fiż-żoni li fihom is-sajd huwa awtorizzat mil-leġiżlazzjoni tal-Gżejjer Solomon;

(d) "Bastiment tal-Komunità" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità u li huwa reġistrat fil-Komunità;

(e) “Impriża konġunta” tfisser kumpanija kummerċjali stabbilita fil-Gżejjer Solomon mis-sidien tal-bastiment jew minn impriżi nazzjonali mill-Partijiet sabiex ikunu jistgħu jistadu jew iwettqu attivitajiet relatati mas-sajd;

(f) "Kumitat Konġunt" tfisser kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità u tal-Gżejjer Solomon kif jispeċifika l-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim;

(g) "Sajd" tfisser:

i. it-tiftix, qbid, teħid jew ħsad ta' ħut;

ii. attentati ta' tifitx, qbid, teħid jew ħsad ta' ħut;

iii. involviment fi kwalunkwe attività oħra raġjonevolment mistennija li tirriżulta fis-sejbien, il-qbid, it-teħid jew il-ħsad ta' ħut għal kwalunkwe għan;

iv. it-tfigħ ta', it-tiftix għal jew l-irkupru ta' tagħmir biex jinġema' l-ħut jew tagħmir elettroniku assoċjat bħalma huma beacons tar-radju;

v. kwalunkwe operazzjoni fuq il-baħar b'appoġġ dirett jew bi tħejjija għal kwalunkwe attività msemmija fis-subparagrafi (i.) sa (iv.);

vi. l-użu ta' kwalunkwe inġenju ieħor, tal-ajru jew tal-baħar, għal kwalunkwe attività msemmija fis-subparagrafi (i.) sa (v.) minbarra għall-emerġenzi li jinvolvu s-saħħa u s-sikurezza tal-ekwipaġġ jew is-sikurezza tal-bastiment.

(h) "bastiment tas-sajd" tfisser kwalunkwe bastiment li jintuża jew li huwa maħsub għall-użu għall-finijiet tas-sajd, inklużi bastimenti ta' appoġġ, bastimenti tal-ġarr u kwalunkwe bastimenti oħra involuti direttament f'operazzjonijiet tas-sajd bħal dawn;

(i) "vjaġġ tas-sajd" tfisser il-perjodu mid-data tad-dħul fiż-ŻEE tal-Gżejjer Solomon sad-data tar-rilaxx tal-qabda kollha tal-bastiment jew ta' parti minnha, għal fuq l-art inkella għal fuq bastiment ieħor;

(j) "trażbord", tfisser it-trasferiment fi jew 'il barra minn porta tal-qabda kollha ta' bastiment jew ta' parti minnha minn bastiment għall-ieħor;

(k) "ċirkostanzi mhux normali", tfisser ċirkostanzi għajr il-fenomeni naturali, li jaħarbu l-kontroll raġonevoli ta' waħda mill-Partijiet, b'tali mod li jtellfu l-eżerċizzju tal-attività tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon;

(l) "baħrin tal-AKP", tfisser kwalunkwe baħrin li jkunu ċittadini ta' pajjiż mhux Ewropew firmatarju tal-Ftehim ta' Cotonou. Għalhekk, baħri mill-Gżejjer Solomon huwa baħri tal-AKP.

(m) "Delegazzjoni tal-Kummissjoni" tfisser id-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Gżejjer Solomon;

(n) "sid ta' bastiment" tfisser kwalunkwe persuna ġuridikament responsabbli mill-bastiment tas-sajd;

(o) “awtorizzazzjoni tas-sajd” tfisser id-dritt li jiġu eżerċitati attivitajiet tas-sajd matul perjodu determinat, f’żona determinata inkella f’qasam tas-sajd determinat u f’konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, ir-referenza għall-awtorizzazzjoni tas-sajd hija referenza għal liċenzja tas-sajd maħruġa skont l-Att tal-1998 dwar is-Sajd tal-Gżejjer Solomon inkella r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità.

Artikolu 3
Prinċipji u għanijiet
li jispiraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet b'dan jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, abbażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn il-flotot tas-sajd differenti f’dawk l-ilmijiet, mingħajr preġudizzju għall-ftehimiet milħuqa bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw f’reġjuni ġeografiċi partikolari, fosthom ftehimiet reċiproċi dwar is-sajd.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bil-għan li jimplimentaw politika settorali tas-sajd adottata mill-Gżejjer Solomon, u għalhekk għandhom jagħtu bidu għal djalogu ta' politika dwar ir-riformi meħtieġa. Għandhom jikkonsultaw bejniethom bil-għan ta' l-adozzjoni tal-miżuri eventwali f'dan il-qasam.

3. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw ukoll biex jagħmlu evalwazzjonijiet ex-ante, waqt il-proċess, u ex-post, kemm flimkien kif ukoll unilateralment, tal-miżuri, programmi u azzjonijiet implimentati abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim skont il-prinċipji tat-treġija ekonomika u soċali tajba, u b'rispett għall-qagħda tar-riżorsi tas-sajd u/jew tal-istokkijiet tal-ħut.

5. B’mod partikolari, l-impjegar ta’ baħrin mill-Gżejjer Solomon u/jew AKP abbord il-bastimenti tal-Komunità għandu jkun ikkontrollat mid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol, li tapplika bis-sħiħ fil-qafas tal-kuntratti korrispondenti u tal-kundizzjonijiet ġenerali tax-xogħol. B’mod partikolari l-applikazzjoni tad-dritt ta’ assoċjazzjoni u tal-għarfien effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv tal-ħaddiema u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u tal-professjonijiet.

Artikolu 4
Il-kooperazzjoni xjentifika

1. Sakemm idum japplika l-Ftehim, il-Komunità u l-Gżejjer Solomon għandhom jagħmlu ħilithom biex isegwu l-iżvilupp tal-istat tar-riżorsi fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

2. Iż-żewġ Partijiet, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet adottati fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha kompetenti għall-iżvilupp u għall-ġestjoni tas-sajd, u fid-dawl tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, għandhom jikkonsultaw bejniethom fi ħdan il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim, biex, jekk ikun il-każ, jadottaw miżuri bil-għan tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, b'mod partikolari li jolqtu l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità.

3. Il-Partijiet hawnhekk jintrabtu li jikkonsultaw bejniethom, jew direttament, inkluż fuq il-livell tas-sottoreġjun, jew fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, biex jiżguraw il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin fil-Punent u fiċ-Ċentru tal-Oċean Indjan, u biex jikkooperaw fir-riċerka xjentifika relevanti.

Artikolu 5
Aċċess minn bastimenti Komunitarji
għar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon

1. Il-Gżejjer Solomon jintrabtu li jawtorizzaw lill-bastimenti tal-Komunità biex jieħdu sehem f'attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tagħhom skont dan il-Ftehim, inkluż il-Protokoll u l-Anness tiegħu.

2. L-attivitajiet ta' sajd imsemmija f'dan il-Ftehim huma soġġetti għal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ fil-Gżejjer Solomon. L-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Komunità dwar kwalunwke emendi li jsiru fil-leġiżlazzjoni msemmija. Bla ħsara għal kwalunkwe dispożizzjonijiet li l-Partijiet jistgħu jaqblu dwarhom, il-bastimenti Komunitarji għandhom josservaw tali emendi fi żmien xahar min-notifika tagħhom.

3. Il-Gżejjer Solomon jintrabtu li jieħdu l-miżuri xierqa kollha meħtieġa f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni effikaċi tad-dispożizzjonijiet li jolqtu l-monitoraġġ tas-sajd fil-Protokoll. Il-bastimenti tal-Komunità għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Solomon għat-twettiq ta' monitoraġġ bħal dan.

4. Il-Komunità tintrabat li tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura l-ħarsien tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim mill-bastimenti tagħha, kif ukoll il-ħarsien tal-leġiżlazzjoni li tirregola s-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

Artikolu 6
Kundizzjonijiet rigward l-attivitajiet tas-sajd – klawżola tal-esklussività

1. Il-bastimenti tal-Komunità jistgħu jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni valida tas-sajd maħruġa mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon skont dan il-Ftehim u l-Protokoll mehmuż miegħu.

2. Għal kategoriji ta' sajd li mhumiex koperti bil-Protokoll fis-seħħ, kif ukoll għas-sajd esploratorju, l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon jistgħu jagħtu awtorizzazzjonijiet għas-sajd lil bastimenti Komunitarji. Madankollu, l-għoti ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd jibqa' jiddependi mill-opinjoni favorevoli taż-żewġ Partijiet.

3. Il-proċedura biex bastiment jikseb awtorizzazzjoni tas-sajd, it-tariffi applikabbli u l-metodu ta' ħlas li jrid jintuża mill-bastimenti Komunitarji għandhom ikunu dawk stipulati fl-Anness tal-Protokoll.

Artikolu 7
Il-kontribuzzjoni finanzjarja

1. Il-Komunità għandha tħallas kontribuzzjoni finanzjarja lill-Gżejjer Solomon skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Protokoll u fl-Annessi. Din il-kontribuzzjoni unika għandha tkun ibbażata fuq żewġ elementi, jiġifieri:

   (a) l-aċċess tal-bastimenti tal-Komunità għaż-żona tas-sajd u r-riżorsi tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, u

   (b) Appoġġ finanzjarju mill-Komunità għall-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali tas-sajd imsejsa fuq sajd responsabbli u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon.

2. L-element tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1(b) hawn fuq għandu jkun determinat fid-dawl tal-għanijiet identifikati, bi qbil komuni bejn il-Partijiet, u skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, li jridu jintlaħqu fil-kuntest tal-politika settorjali tas-sajd definita mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon u programmazzjoni annwali u multiannwali għall-implimentazzjoni tagħha.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-Komunità titħallas kull sena skont it-termini stabbiliti fil-Protokoll, u skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim u tal-Protokoll rigward il-modifika eventwali tat-total tagħha minħabba:

   (a) ċirkostanzi mhux normali;

   (b) it-tnaqqis, bi qbil komuni, tal-opportunitajiet ta' sajd mogħtija lill-bastimenti Komunitarji fl-applikazzjoni tal-miżuri tal-ġestjoni tal-istokkijiet ikkonċernati meqjusa neċessarji għall-konservazzjoni u għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli;

   (ċ) iż-żieda, bi qbil komuni bejn il-Partijiet, ta' l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti Komunitarji jekk, skond l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, il-qagħda tar-riżorsi tippermetti dan;

   (d) rievalwazzjoni konġunta tal-kundizzjonijiet tal-appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd fil-Gżejjer Solomon, meta r-riżultati tal-ipprogrammar annwali u multiannwali misjuba miż-żewġ Partijiet jiġġustifikaw dan;

   (e) is-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 13 tiegħu.

(f) terminazzjoni ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 14.

Artikolu 8
Promozzjoni tal-kooperazzjoni fost
l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-kooperazzjoni ekonomika, xjentifika u teknika fis-settur tas-sajd u s-setturi marbuta miegħu. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw flimkien sabiex jikkoordinaw id-diversi miżuri li jistgħu jittieħdu f'dan ir-rigward.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-iskambju tal-informazzjoni dwar tekniki tas-sajd u l-irkaptu tas-sajd, il-metodi ta' konservazzjoni u l-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet adatti għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impriżi tagħhom, fl-oqsma tekniċi, ekonomiċi u kummerċjali, billi jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tan-negozju u l-investimenti.

4. Il-Partijiet għandhom iħeġġu, b'mod partikolari, il-ħolqien ta' impriżi konġunti ta' interess reċiproku fl-osservanza sistematika tal-leġiżlazzjoni tal-Gżejjer Solomon u dik Komunitarja.

Artikolu 9
Il-Kumitat Konġunt

1. Kumitat Konġunt huwa stabbilit bil-għan li jissorvelja u jikkontrolla l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat konġunt għandu jwettaq l-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) jissorvelja l-prestazzjoni, l-interpretazzjoni, l-implimentazzjoni u l-operazzjoni bla intoppi tal-applikazzjoni tal-Ftehim;

(b) jissorvelja u jevalwa l-kontribut tal-Ftehim ta' Sħubija tas-Sajd għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tal-Gżejjer Solomon dwar is-sajd;

(ċ) jiżgura l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni meħtieġa dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam tas-sajd;

(d) iservi ta' forum sabiex jissolvew bonarjament il-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu mill-interpretazzjoni, l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim;

(e) jevalwa mill-ġdid, jekk ikun hemm il-ħtieġa, il-livelli ta' sajd possibbli u, konsegwentament, il-kontribuzzjoni finanzjarja;

(f) jadatta, fejn xieraq, il-modalitajiet biex jiġu kkalkulati l-isforz tas-sajd, billi jitqiesu d-dispożizzjonijiet applikabbli fuq livell reġjonali, eż. l-Iskema tal-Jiem/Bastiment;

(g) jaqdi kwalunkwe funzjoni oħra li l-Partijiet jaqblu li jinkarigawh li jwettaq, inkluż il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux dikjarat u mhux regolat.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' għall-inqas darba fis-sena, darba fil-Gżejjer Solomon u d-darba ta' wara fil-Komunità, jew fi kwalunkwe post ieħor maqbul mill-partijiet, u għandu jkun ippresedut mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. Għandu jitlaqqa' f'seduta straordinarja fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.

Fejn meħtieġ, fq talba minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt jistgħu jittieħdu permezz tal-proċedura bil-miktub.

Artikolu 10
Iż-żona ġeografika li għaliha japplika l-Ftehim

Dan il-ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, fit-territorji fejn japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dak it-Trattat, u min-naħa l-oħra, fit-territorju tal-Gżejjer Solomon.

Artikolu 11
Tul ta' żmien

Dan il-Ftehim għandu japplika għal tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu; għandu jiġġedded b'mod impliċitu għal perjodi ta' tliet snin, ħlief fil-każ tat-terminazzjoni skont l-Artikolu 14 tiegħu.

Artikolu 12
Is-soluzzjoni tat-tilwim

Il-Partijiet kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar kwalunkwe tilwima fir-rigward tal-interpretazzjoni u/jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 13
Is-suspenxin

1. Soġġetta għall-Artikolu 12, l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża fuq l-inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet f'każ ta' nuqqas ta' qbil serju fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan il-Ftehim. Is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Ftehim għandha tirrikjedi li l-Parti kkonċernata tinnotifika l-intenzjoni tagħha, bil-miktub, mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data meta din is-sospensjoni tkun se tidħol fis-seħħ. Hekk kif jiġu nnotifikati, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bil-għan li jsolvu n-nuqqas ta' ftehim bonarjament.

2. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju msemmi fl-Artikolu 7 għandu jitnaqqas, proporzjonalment u *pro rata temporis*, għat-tul ta' żmien tas-sospensjoni.

Artikolu 14
It-terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim jista' jintemm minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet, fil-każ ta' ċirkostanzi mhux normali relatati, fost oħrajn, mad-degradazzjoni tal-istokkijiet ikkonċernati, l-osservazzjoni ta' livell ridott tal-użu tal-opportunitajiet ta' sajd allokati mill-Gżejjer Solomon għall-bastimenti tal-Komunità, jew in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi tal-Partijiet fil-kwistjoni tal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat.

2. Il-Parti kkonċernata għandha tgħarraf bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttemm il-Ftehim talanqas sitt xhur qabel ma jiskadi l-perjodu inizjali jew kull perjodu ieħor.

3. Meta tintbagħat in-notifika msemmija fil-paragrafu 2, għandhom jinfetħu l-konsultazzjonijiet mill-Partijiet.

4. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju maħsub fl-Artikolu 7 għas-sena li fiha sseħħ it-terminazzjoni tal-Ftehim għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali u *pro rata temporis*.

Artikolu 15
Protokoll u Anness

Il-Protokoll u l-Anness għandhom jifformaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 16
Liġi nazzjonali

L-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd Komunitarji li joperaw fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon għandhom ikunu regolati mil-liġi applikabbli fil-Gżejjer Solomon, sakemm il-Ftehim, dan il-Protokoll, l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu ma jistipulawx xort'oħra.

Artikolu 17 – Revoka

Fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim jirrevoka u jissostitwixxi l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar is-sajd 'il barra mill-Gżejjer Solomon li daħal fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2006.

Artikolu 18 – Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim, imħejji f'żewġ kopji bil-Bulgaru, bl-Ispanjol, biċ-Ċek, bid-Daniż, bil-Ġermaniż, bl-Estonjan, bil-Grieg,bl-Ingliż, bil-Franċiż,, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bl-Ungeriż, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bil-Finlandiż u bl-Isvediż u, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku, għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub li jkunu tlestew il-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għal dan il-għan.

Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer Solomon għall-perjodu mid-9 ta' Ottubru 2009 sat-8 ta' Ottubru 2012

Artikolu 1
Perjodu ta' applikazzjoni u opportunitajiet għas-sajd

1. Il-Gżejjer Solomon għandhom jagħtu opportunitajiet annwali tas-sajd lil bastimenti Komunitarji tas-sajd tat-tonn skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim, f'konformità mal-Pjan Nazzjonali tagħhom għall-Ġestjoni tat-Tonn, u fil-limiti stabbiliti mill-Arranġament ta' Palau għall-Ġestjoni tas-Sajd bil-Purse Seines fil-Punent tal-Paċifiku, minn issa 'l quddiem "l-Arranġament ta' Palau".

2. Mid-9 ta' Ottubru 2009, u għal perjodu ta' 3 snin, l-opportunitajiet ta' sajd previsti skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim, għall-ispeċijiet li jpassu ħafna (speċijiet elenkati fl-Anness 1 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982), għandhom ikunu kif ġej:

   - bastimenti tas-sajd bil-purse seines: 4 bastimenti.

3. Il-Paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw bla ħsara għall-Artikoli 4 u 5 ta' dan il-Protokoll.

4. Il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità Ewropea jistgħu biss ikunu involuti f'attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon jekk ikollhom awtorizzazzjoni valida tas-sajd maħruġa mill-Gżejer Solomon fil-qafas ta' dan il-Protokoll skont l-Anness ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 2
Il-kumpens finanzjarju – Metodi ta' ħlas

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim għandha tinkorpora, għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(2):

   a. ammont annwali ta' EUR 260 000, ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 4 000 tunnellati fis-sena, u

   b. ammont speċifiku ta' EUR 140 000 fis-sena għall-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd tal-Gżejjer Solomon. Dan l-ammont speċifiku huwa parti integrali kontribuzzjoni finanzjarja unika kif definita fl-Artikolu 7 tal-Ftehim.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu japplika bla ħsara għall-Artikoli 4, 5, 6 u 7 ta' dan il-Protokoll.

3. Il-Komunità għandha tħallas l-ammont totali stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu (jiġifieri EUR 400 000), kull sena matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

4. Jekk il-kwantità globali ta' ħut maqbuda mill-bastimenti Komunitarji fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Solomon jaqbeż it-tunnellaġġ ta' referenza, l-ammont tal-kontribuzzjoni

finanzjarja annwali jitla' għal EUR 65 għal kull tunnellata supplimentari maqbuda. Madankollu, l-ammont annwali totali mħallas mill-Kommunità ma jistax jiżboq id-doppju tal-ammont indikat f'paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu (EUR 800 000). Meta l-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti Komunitarji jaqbżu l-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-doppju tal-ammont totali annwali, l-ammont dovut għall-kwantità li teċċedi dak il-limitu, jitħallas is-sena ta' wara.

5. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jsir sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2010 fl-ewwel sena u sa mhux aktar tard mid-data tal-anniversarju tal-Protokoll għas-snin segwenti.

6. Soġġett għall-Artikolu 7, l-allokazzjoni ta' dawn il-fondi għandha tkun deċiża fil-qafas tal-Istruzzjonijiet Finanzjarji tal-Gżejjer Solomon, u għalhekk, l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għandhom ikollhom id-diskrezzjoni sħiħa fir-rigward tal-użu li jsir minnhom.

7. Il-ħlasijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ttrasferiti lil kont bankarju tat-Teżor Pubbliku, miftuħ fil-Bank Ċentrali tal-Gżejjer Solomon u li d-dettalji tiegħu għandhom ikunu notifikati kull sena mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon lill-Komunità.

Artikolu 3
Kooperazzjoni għas-sajd responsabbli – Kooperazzjoni xjentifika

1. Il-Partijiet b'dan jintrabtu li jħeġġu s-sajd responsabbli fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Solomon fuq il-bażi tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni bejn id-diversi flotot tas-sajd preżenti f'dawk l-ilmijiet.

2. Sakemm idum japplika l-Ftehim, il-Komunità u l-Gżejjer Solomon għandhom jagħmlu ħilithom biex isegwu l-qagħda tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

3. Il-Partijiet jimpenjaw irwieħhom biex iħeġġu, fil-livell sottoreġjonali, il-kooperazzjoni għas-sajd responsabbli, b'mod partikolari fi ħdan il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent u fiċ-Ċentru tal-Paċifiku (WCPFC) u kwalunkwe organizzazzjoni oħra subreġjonali jew internazzjonali kkonċernata.

4. F'konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim u fid-dawl tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bejniethom fi ħdan il-Kumitat Konġunt regolat mill-Artikolu 9 tal-Ftehim, biex jadottaw, fejn xieraq, miżuri għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, b'mod partikolari dawk li jolqtu l-attivitajiet tal-bastimenti Komunitarji.

Artikolu 4
Reviżjoni tal-opportunitajiet ta' sajd bi qbil reċiproku

1. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jiżdiedu bi qbil reċiproku, bil-kundizzjoni li l-konklużjonijiet tal-laqgħa annwali tal-"Arranġament ta' Palau" u r-reviżjoni annwali tal-qagħda tal-istokkijiet li jagħmel is-Segretarjat tal-Komuntià tal-Paċifiku jikkonfermaw li żieda bħal din ma tipperikolax il-ġestjoni sostenibbli

tar-riżorsi tal-Gżejjer Solomon. F' dan il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja stipulata fl-Artikolu 2(1) għandha tiżdied proporzjonalment u *pro rata temporis*.

2. Min-naħa l-oħra jekk il-Partijiet jaqblu dwar l-adozzjoni ta' tnaqqis tal-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Artikolu 1, il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titnaqqas proporzjonalment *u pro rata temporis*.

Artikolu 5
Opportunitajiet oħra tas-sajd

1. Jekk il-bastimenti Komunitarji jkunu interessati f'opportunitajiet tas-sajd li mhumiex indikati fl-Artikolu 1, iż-żewġ Partijiet għandhom jaqblu dwar il-kundizzjonijiet applikabbli għal dawn l-opportunitajiet ġodda tas-sajd u, jekk meħtieġ, jagħmlu emendi għal dan il-Protokoll u għall-Anness tiegħu.

2. Il-Partijiet jistgħu iwettqu stħarriġiet esploratorji konġunti dwar is-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, soġġetti għal opinjoni minn laqgħa xjentifika li għandha tiġi stabbilita mill-Partijiet. Għal dan il-għan, jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fuq talba ta' waħda mill-Partijiet biex jiddeterminaw, skond il-każ, ir-riżorsi l-ġodda, il-kundizzjonijiet u parametri oħra importanti.

3. Il-Partijiet għandhom iwettqu l-attivitajiet tas-sajd sperimentali skont il-parametri xjentifiċi u amministrattivi adottati bi qbil reċiproku. L-awtorizzazzjonijiet għal sajd sperimentali għandhom jinħarġu, għall-finijiet ta' prova, għal perjodu u minn data tal-bidu li għandhom jiġu deċiżi bil-qbil komuni taż-żewġ Partijiet.

4. Meta l-Partijiet jiddeterminaw li l-istħarriġiet esploratorji jkunu taw riżultati pożittivi, b'rispett għall-preżervazzjoni tal-ekosistemi u għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, ikunu jistgħu jiġu attribwiti opportunitajiet ġodda ta' sajd lill-bastimenti Komunitarji skont il-proċedura ta' konsultazzjoni misjuba fl-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll u sal-iskadenza tal-istess, skont l-isforz permissibbli. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tiżdied skont dan, u tiġi kkalkulata skont formula maqbula.

Artikolu 6
Sospensjoni u reviżjoni tal-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja
f'ċirkostanzi li mhumiex normali

1. F'ċirkostanzi li mhumiex normali, għajr fenomeni naturali li jwaqqfu l-eżerċizzju tal-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) tal-Gżejjer Solomon, il-Komunità Ewropea tista' tissospendi l-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll.

2. Id-deċiżjoni għal sospensjoni, fil-każijiet previsti fil-paragrafu 1 hawn fuq, għandha tittieħed wara konsultazzjonijiet bejn iż-żewġ Partijiet sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tat-talba magħmula minn waħda mill-Partijiet, u bil-kundizzjoni li l-Komunità tkun ħallset kwalunkwe ammont dovut fil-mument tas-sospensjoni.

3. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja jerġa' jsir dovut minn meta jistabbilixxu l-Partijiet, wara konsultazzjonijiet u bi qbil komuni li ċ-ċirkonstanzi li taw lok għall-

waqfien tal-attivitajiet tas-sajd jkunu għebu u/jew is-sitwazzjoni hija tali li tippermetti li l-attivitajiet tas-sajd jinbdew mill-ġdid.

4. Il-validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti Komunitarji, li tkun ġiet sospiża flimkien mal-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja, hija mtawla għal perjodu ta' żmien li jkun jikkorrispondi għall-perjodu tas-sospensjoni tal-attivitajiet tas-sajd.

Artikolu 7
Promozzjoni ta' sajd responsabbli fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon

1. 50 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja ta' dan il-Protokoll għandha tkun allokata kull sena għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' għanijiet identifikati fil-kuntest tal-politika settorjali tas-sajd definita mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon u approvata miż-żewġ Partijiet kif deskritt hawn taħt.

   Il-Gżejjer Solomon għandhom jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tas-somma korrispondenti, skont l-identifikazzjoni miż-żewġ Partijiet permezz ta' qbil komuni, b'konformità mal-prijoritajiet attwali tal-politika tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, bl-għan li tiġi żgurata l-ġestjoni sostenibbli u responsabbli tas-setturi u għanijiet li jridu jintlaħqu, fosthom l-ippjanar annwali u l-ippjanar multiannwali, skont il-paragrafu 2 indikat hawn taħt.

2. Fuq proposta mill-Gżejjer Solomon, u għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-paragrafu preċedenti, il-Komunità u l-Gżejjer Solomon għandhom jiftehmu, fi ħdan il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim, mid-dħul fis-seħħ tal-Protokoll u sa mhux aktar tard minn tliet xhur mid-dħul fis-seħħ tiegħu, dwar programm settorjali multiannwali, u regoli dettaljati tal-implimentazzjoni li jkopru b'mod partikolari:

   (a) il-linji gwida annwali u multijannwali għall-użu tal-perċentwal tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 1 hawn fuq għall-inizjattivi li għandhom jitqwettqu kull sena;

   (b) l-għanijiet, kemm annwali kif ukoll multiannwali, li għandhom jitlaħqu sabiex jitrawwem sajd sostenibbli u responsabbli, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet tal-Gżejjer Solomon fil-politika nazzjonali tas-sajd u ta' politiki oħra konnessi jew li għandhom impatt fuq il-promozzjoni tas-sajd responsabbli u sostenibbli.

   (ċ) il-kriterji u l-proċeduri li jridu jintużaw biex issir l-evalwazzjoni tar-riżultati miksuba, fuq bażi annwali.

3. Iż-żewġ Partijiet jaqblu, madankollu, li jenfasizzaw il-miżuri kollha ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sajd għat-Tonn Oċeaniku.

4. Kwalunkwe emenda proposta għall-programm settorjali multijannwali jeħtiġilha l-approvazzjoni taż-żewġ Partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

5. Kull sena, il-Gżejjer Solomon għandhom jallokaw is-sehem li jikkorrispondi għall-ammonti msemmija fil-paragrafu 1, bil-għan li jiġi implimentat il-programm multiannwali. Fir-rigward tal-ewwel sena ta' validità tal-Protokoll, din l-allokazzjoni

trid tiġi komunikata lill-Komunità malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ qabel l-approvazzjoni tal-Programm Settorjali Multiannwali mill-Kumitat Konġunt. Għal kull sena wara dan, din l-allokazzjoni għandha tiġi komunikata mill-Gżejjer Solomon lill-Komunità sa mhux aktar tard minn 45 jum qabel id-data tal-anniversarju ta' dan il-Protokoll.

6. Jekk l-evalwazzjoni konġunta annwali tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-Programm Settorjali Multiannwali tiġġustifikah, il-Komunità Ewropea tkun tista' tagħmel aġġustament mill-ġdid tas-somma allokata għall-appoġġ u għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, li tagħmel parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll, biex is-somma effettiva tal-fondi allokati għall-implimentazzjoni tal-Programm tiġi adattata għal dawn ir-riżultati.

7. Il-Komunità tirriżerva d-dritt li tissospendi l-ħlas tal-kontribut speċifiku previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll jekk ir-riżultati miksuba mill-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-Protokoll, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali u ġustifikati kif xieraq, ma jkunux konformi mal-progrmazzjoni skont l-evalwazzjoni magħmula fil-kuntest tal-Kumitat Konġunt.

Artikolu 8
Nuqqasijiet ta' qbil – is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll

1. Kull nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll jew l-applikazzjoni tiegħu għandu jitressaq għall-konsultazzjoni bejn il-Partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 9 tal-Ftehim, u jekk meħtieġ, għandha tissejjaħ laqgħa straordinarja.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9, l-applikazzjoni tal-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet meta n-nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ Partijiet jitqies bħala wieħed serju u l-konsultazzjonijiet li jkunu saru fi ħdan il-Kumitat Konġunt skont il-paragrafu 1 ma jkunux wasslu għal soluzzjoni bonarja.

3. Is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll hija soġġetta għan-notifika mill-Parti interessata tal-intenzjoni tagħha, liema notifika għandha tkun bil-miktub u ta' mhux anqas minn tliet xhur qabel id-dħul fis-seħħ ta' din is-sospensjoni.

4. F'każ ta' sospensjoni, il-Partijiet għandhom ikomplu bil-konsultazzjonijiet sabiex isibu soluzzjoni bonarja għat-tilwim ta' bejniethom. Meta tinkiseb tali soluzzjoni, il-Protokoll jibda japplika mill-ġdid u s-somma tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titnaqqas b'mod proporzjonali u *pro rata temporis* skont it-tul ta' żmien li matulu l-applikazzjoni tal-Protokoll kienet sospiża.

Artikolu 9
Sospensjoni tal-applikazzjoni tal-Protokoll
għal raġunijiet ta' nuqqas ta' ħlas

Bla ħsara għall-Artikolu 6, f'każ li l-Komunità tonqos milli tagħmel il-ħlasijiet previsti fl-Artikolu 2, l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar in-nuqqas ta' ħlas. Din tgħaddi għall-verifiki meħtieġa u jekk ikun meħtieġ, għall-ħlas sa mhux aktar tard minn 60 jum ta' xogħol, li għandhom jibdew jgħoddu mid-data li tasal il-notifika.

(b) Fin-nuqqas ta' ħlas jew ġustifikazzjoni xierqa għan-nuqqas ta' ħlas fiż-żmien stipulat fl-Artikolu 2(5) ta' dan il-Protokoll, l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għandhom ikollhom fid-dritt li jissospendu l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni Ewropea b'din l-azzjoni.

(ċ) Il-Protokoll jibda japplika mill-ġdid, hekk kif isir il-pagament.

Artikolu 10
Liġi nazzjonali

L-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd Komunitarji li joperaw fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon għandhom ikunu regolati mil-liġi applikabbli fil-Gżejjer Solomon, sakemm il-Ftehim, dan il-Protokoll, l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu ma jistipulawx xort'oħra.

Artikolu 11
Klawżola ta' reviżjoni

1. Fil-każ li jkun hemm tibdiliet sinifikanti fil-linji ta' politika li wasslu għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll, waħda mill-Partijiet tista' tesiġi li d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll jiġu riveduti bil-għan li dawn eventwalment jiġu emendati.

2. Il-Parti interessata tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-ħsieb tagħha li tirrevedi d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

3. Sa mhux aktar tard minn 60 jum min-notifika, iż-żewġ Partijiet għandhom jikkonsultaw bejniethom f'dan ir-rigward. Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil dwar ir-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet, il-Parti kkonċernata tista' ttemm il-Protokoll f'konformità mal-Artikolu 14 tiegħu.

Artikolu 12
Tħassir

Dan il-Protokoll u l-annessi tiegħu jirrevokaw u jieħdu post il-Protokoll bejn il-Komunità u l-Gżejjer Solomon rigward is-sajd 'il barra mill-Gżejjer Solomon, li daħal fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2006.

Artikolu 13
Tul ta' żmien

Dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu japplikaw għal żmien ta' 3 snin li jibda mid-9 ta' Ottubru 2009, sakemm ma jingħatax avviż tat-terminazzjoni skont l-Artikolu 14.

Artikolu 14
It-terminazzjoni

Fil-każ ta' terminazzjoni tal-Protokoll, il-Parti interessata għandha tavża bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttemm il-Protokoll mill-inqas sitt xhur qabel id-data li fiha sseħħ it-terminazzjoni. Kif tintbagħat in-notifika msemmija fil-paragrafu ta' qabel għandhom jibdew il-konsultazzjonijiet mal-Partijiet.

Artikolu 15
Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu jidħlu fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa fir-rigward.

2. Għandu japplika b'effett mill- 9 ta' Ottubru 2009.

ANNESS

IL-KUNDIZZJONIJIET GĦALL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD MILL-BASTIMENTI KOMUNITARJI FIŻ-ŻONA TAS-SAJD TAL-GŻEJJER SOLOMON

Kapitolu I
Applikazzjoni u formalitajiet għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd

Sezzjoni 1
Ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. Bastimenti eliġibbli biss jistgħu jiksbu awtorizzazzjoni biex jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

2. Biex bastiment ikun eliġibbli, sid il-bastiment, il-kaptan tas-sajd/tal-bastiment u l-bastiment innifsu m'għandhomx ikunu pprojbiti mis-sajd fil-Gżejjer Solomon. Huma jrid ikollhom kollox f'postu fir-rigward tal-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon fis-sens li jridu jkunu ssodisfaw l-obbligi preċedenti li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' sajd tagħhom fil-Gżejjer Solomon skont il-ftehimiet dwar is-sajd konklużi mal-Komunità.

3. Il-bastimenti kollha tal-Komunità li japplikaw għal liċenzja tas-sajd għandhom ikunu rappreżentati minn aġent residenti fil-Gżejjer Solomon. L-isem u l-indirizz ta' dak l-aġent għandhom jiġu ddikjarati fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għas-sajd.

4. L-awtoritajiet Komunitarji rilevanti għandhom iressqu elettronikament lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Sajd u r-Riżorsi tal-Baħar tal-Gżejjer Solomon (minn issa 'l quddiem "is-Segretarju Permanenti"), b'kopja lid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Gżejjer Solomon (minn issa 'l quddiem "id-Delegazzjoni tal-Kummissjoni"), applikazzjoni għal kull bastiment li jixtieq jistad fil-kuntest tal-Ftehim, sa mhux inqas minn 20 jum tax-xogħol qabel id-data tal-bidu tal-perjodu ta' validità mitlub.

5. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lis-Segretarju Permanenti, fuq formola xierqa skont l-eżempju mogħti fl-Appendiċi I.

6. L-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li d-dejta li jirċievu fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għas-sajd, tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali. Din l-informazzjoni tintuża biss fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-sajd.

7. Kull talba għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jkollha magħha d-dokumenti li ġejjin:

   - l-isem u l-indirizz tal-aġent għandhom jiġu ddikjarati fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għas-sajd.

   - prova tas-somma mħallsa minn qabel għall-perjodu tal-validità tagħha.

- kwalunkwe dokument jew ċertifikat ieħor meħtieġ taħt ir-regoli speċifiċi applikabbli għat-tip ta' bastiment konċernat skond dan il-Protokoll.

8. Il-ħlas għandu jsir fuq il-kont speċifikat mis-Segretarju Permanenti (Government Revenue Account No. 0260-002 mal-Bank Ċentrali tal-Gżejjer Solomon, Honiara).

9. Il-ħlasijiet għandhom jinkludu t-tariffi kollha lokali għajr għat-taxxi tal-port u t-tariffi għas-servizzi.

10. L-awtorizzazzjonijiet għas-sajd għall-bastimenti kollha għandhom jinħarġu lil sidien tal-bastimenti jew aġenti tagħhom permezz tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta tasal id-dokumentazzjoni kollha stipulata fil-punt 6 ta' hawn fuq għand is-Segretarju Permanenti.

11. Jekk fil-mument tal-iffirmar tal-awtorizzazzjoni, l-uffiċċji tad-Delegazzjoni jkunu magħluqin, din għandha tintbagħat direttament lill-aġent tal-bastiment u kopja tagħha tintbagħat lid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni.

12. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu għal bastiment speċifiku u mhumiex trasferibbli.

13.1 Fuq talba mill-Komunità Ewropea, fil-każ fejn tiġi ppruvata *force majeure*, l-awtorizzazzjoni għas-sajd ta' bastiment għandha titħassar u għandha tinħareġ awtorizzazzjoni ġdida għas-sajd, meta titressaq applikazzjoni minn bastiment tal-istess kategorija, kif jissemma fl-Artikolu 1 tal-Protokoll.

13.2 L-applikazzjonijiet taħt il-paragrafu 13.1 ta' din it-taqsima huma soġġeti għat-Taqsima 1(2) u m'għandhomx ikunu soġġetti għal ħlasijiet ulterjuri.

13.3 Malli titressaq applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ġdida għas-sajd, sid il-bastiment li tkun tħassritlu l-awtorizzazzjoni għas-sajd, inkella l-aġent tiegħu għandu jibgħat lura l-awtorizzazzjonijiet imħassra tas-sajd lill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon permezz tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni.

13.4 F'dan il-każ, il-kalkolu tal-livell ta' ħut maqbud għad-determinazzjoni tal-ħlas eventwali addizzjonali għandu jikkunsidra t-total tal-ħut maqbud miż-żewġ bastimenti.

14. L-awtorizzazzjoni l-ġdida tas-sajd għandha tidħol fis-seħħ meta l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon jinnotifikaw lill-operatur/aġent tal-bastiment fil-jum li sid il-bastiment jirritorna l-awtorizzazzjoni għas-sajd imħassra lis-Segretarju Permanenti. Id-Delegazzjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi infurmata dwar il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni l-ġdida għas-sajd.

15. L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinżamm abbord f'kull ħin.

16. Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jippromwovu l-implimentazzjoni ta' sistema għall-awtorizzazzjoni tas-sajd msejsa esklussivament fuq l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni kollha u tad-dokumenti deskritti hawn fuq. Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jippromwovu mill-aktar fis possibbli s-sostituzzjoni tal-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-karti bl-ekwivalenti elettronika, bħall-lista tal-bastimenti awtorizzati biex jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, kif speċifikat fil-punt 1 ta' din it-taqsima.

Sezzjoni 2
Kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tas-sajd– tariffi u ħlasijiet bil-quddiem

1. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom validità ta' sena. Jistgħu jiġġeddu.

2. It-tariffa għandha tkun ta' EUR 35 għal kull tunnellata maqbuda fiż-żoni tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

3. Il-ħlas għandu jsir fuq il-kont speċifikat mis-Segretarju Permanenti (Government Revenue Account No. 0260-002 mal-Bank Ċentrali tal-Gżejjer Solomon, Honiara.

   - EUR 13 000 għal kull bastiment tas-sajd tat-tonn bit-tartarun, li huma ekwivalenti għat-tariffi dovuti għal 371 tunnellata ta' tonn u speċijiet bħat-tonn maqbuda kull sena;

4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju ta' kull sena, dwar it-tunnellaġġ tal-qabdiet li jkunu saru matul is-sena li tkun għadha kif għaddiet, kif konfermat mill-Istituti xjentifiċi kif jissemmew fil-punt 5 aktar 'il quddiem.

5. Il-fattura finali tal-ammonti dovuti fuq bażi annwali huwa deċiż mill-Kummissjoni Ewropea sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena n+1, abbażi tad-dikjarazzjonijiet dwar il-qabdiet magħmula minn kull sid ta' bastiment u konfermati mill-istituti xjentifiċi kompetenti biex jivverifikaw l-informazzjoni dwar il-qabdiet fl-Istati Membri, bħalma huma l-*Institut de Recherche pour le Développement* (IRD), l-*Instituto Español de Oceanografia* (l-IEO), l-*Instituto Português de Investigaçao Maritima* (IPIMAR). Dan huwa trażmess permezz tal-intermedjarju tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

6. Dan il-kalkolu għandu jiġi kkomunikat simultanjament lis-Segretarju Permanenti u lis-sidien tal-bastiment.

7. Kull ħlas addizzjonali għandu jsir mis-sidien tal-bastiment lill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu tas-sena n+1, fil-kont imsemmi fil-paragrafu 7 tat-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu, fuq il-bażi ta' EUR 35 kull tunnellata.

8. Madankollu, jekk l-ammont tal-prospett finali jkun inqas mill-pagament bil-quddiem imsemmi fil-punt 3 ta' din it-Taqsima, il-bilanċ li jibqa' ma jingħatax lura lis-sid tal-vapur.

Kapitolu II
Iż-żoni tas-sajd

1. Il-bastimenti msemmija fl-Artikolu 1 tal-Protokoll għandhom ikunu awtorizzati jieħdu sehem f'attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, ħlief fiż-żona 'l ġewwa tletin (30) mil nawtiku madwar l-Arċipielgu tal-Grupp Ewlieni (AGE) u l-ilmijiet arċipelaġiċi u territorjali tal-arċipielgi l-oħra. Il-koordinati tal-ilmijiet A tal-AGE u l-bqija tal-Arċipielgi (jiġifieri l-Ilmijiet B, C, D u E) għandhom jiġu pprovduti mis-Segretarju Permanenti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim. Is-Segretarju

Permanenti għandu jikkomunika lill-Kummissjoni Ewropea kwalunkwe modifika għaż-żoni tas-sajd imsemmija għallinqas xahrejn qabel ma dawn jidħlu fis-seħħ.

2. Fi kwalunkwe każ l-ebda sajd ma huwa permess f'distanza ta' inqas minn tliet (3) mili nawtiċi minn kwalunkwe rkaptu fiss (ankrat) biex jinġema' l-ħut li għalih tkun tressqet notifika dwar il-post fejn jinsab skont il-koordinati ġeografiċi.

Kapitolu III
Arranġamenti għar-rappurtar tal-qabdiet

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, il-perjodu ta' vjaġġ li matulu bastiment Komunitarju ikun fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, huwa definit kif ġej:

il-perjodu mid-data tad-dħul fiż-ŻEE tal-Gżejjer Solomon sad-data tar-rilaxx tal-qabda kollha tal-bastiment jew ta' parti minnha, għal fuq l-art inkella għal fuq bastiment ieħor;

2. Il-bastimenti kollha li huma awtorizzati jistadu fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon skont il-Ftehim għandhom jibagħtu notifika dwar il-qabdiet tagħhom lill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għal finijiet ta' verifika Il-qabdiet għandhom ikunu komunikati kif ġej:

2.1 Matul perjodu ta' sena ta' validità tal-awtorizzazzjoni tas-sajd, fil-kuntest tal-Punt 1 ta' Taqsima 2 tal-Kapitolu I ta' dan l-Anness, id-dikjarazzjonijiet għandhom jinkludu l-qabdiet tal-bastiment għal kull vjaġġ fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon. L-oriġinal tad-dikjarazzjonijiet għandu jintbagħat lill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon, permezz ta' dokument tanġibbli, fi żmien 45 jum minn tmiem l-aħħar vjaġġ magħmul f'dak il-perjodu.

2.2 Bħala rapport preliminari, id-dikjarazzjonijiet għandhom jintbagħtu fi żmien 15-il jum wara tmiem vjaġġ tas-sajd. Dawn in-notifiki għandhom isiru bil-feks (+677.387.30 jew +677.381.06) jew permezz ta' e-mail (logsheets@fisheries.gov.sb).

2.3 Il-bastimenti għandhom jiddikjaraw il-qabdiet tagħhom fuq il-formola xierqa fil-ġurnal ta' abbord, f'konformità mal-mudell fl-Appendiċi II. Il-kliem "Barra ż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon" għandha tiddaħħal fil-ġurnal ta' abbord għal dawk il-perjodi li fihom il-bastimenti ma jkunx fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

2.4 Il-formoli għandhom jimtlew b'mod li jinqara faċilment u għandhom ikunu ffirmati mill-kaptan tas-sajd/kaptan tal-bastiment.

2.5 Id-dikjarazzjonijiet dwar il-qabdiet għandhom ikunu affidabbli isir kontribut għall-monitoraġġ tal-qagħda tal-istokkijiet.

3. F'każ li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma jiġux rispettati, l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon jirriżervaw id-dritt li jissospendu l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment li wettaq in-nuqqas sakemm jitlestew il-formalitajiet u tiġi applikata fuq

sid il-bastiment is-sanzjoni stabbilita fil-leġiżlazzjoni attwali tal-Gżejjer Solomon. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istat tal-bandiera għandhom jiġu infurmati b'dan.

4. Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jippromwovu sistema għad-dikjarazzjoni tal-qabdiet imsejsa eklussivament fuq l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni u tad-dokumenti kollha deskritti aktar 'il fuq. Iż-żewġ Partijiet jaqblu li jippromwovu s-sostituzzjoni tad-dikjarazzjoni bil-miktub (il-ġurnal ta' abbord) bl-ekwivalenti f'forma elettronika, mill-aktar fis possibbli.

Kapitolu IV
Imbark tal-baħrin

1. Is-sidien tal-bastimenti li jkunu nħarġulhom il-liċenzji tas-sajd skont il-Ftehim għandhom jikkontribwixxu għat-taħriġ vokazzjonali prattiku taċ-ċittadini tal-Gżejjer Solomon u għal titjib fis-suq tax-xogħol, fil-kundizzjonijiet u l-limiti li ġejjin:

2. Is-sidien tal-bastimenti jintrabtu li jimpjegaw, għall-istaġun tas-sajd tat-tonn fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, għallinqas 25 % tal-baħrin li joriġinaw minn pajjiżi AKP, u jagħtu prijorità lill-baħrin mill-Gżejjer Solomon. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, is-sidien ikkonċernati jistgħu jitqiesu li mhumiex eliġibbli għal awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Gżejjer Solomon, f'konformità mat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 1 ta' dan l-Anness.

3. Is-sidien tal-bastimenti għandhom jagħmlu ħilithom sabiex itellgħu abbord baħrin addizzjonali mill-Gżejjer Solomon.

4. Is-sidien tal-bastimenti għandhom ikunu ħielsa jagħżlu l-baħrin li jtellgħu abbord il-bastimenti tagħhom mill-ismijiet li jinsabu fuq lista mressqa mis-Segretarju Permanenti.

5. Is-sid jew l-aġent għandhom jinfurmaw lis-Segretarju Permanenti dwar l-ismijiet tal-baħrin tal-Gżejjer Solomon li jittellgħu abbord il-bastiment ikkonċernat, u jindikaw ir-rwol tagħhom fl-ekwipaġġ kif reġistrati.

6. Id-Dikjarazzjoni tal-Organizazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tax-xogħol, għandha tapplika fl-intier tagħha għall-baħrin li jittellgħu abbord bastimenti Komunitarji. B'mod partikolari l-applikazzjoni tad-dritt ta' assoċjazzjoni u tal-għarfien effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv tal-ħaddiema u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u tal-professjonijiet.

7. Il-kuntratti tax-xogħol tal-baħrin tal-AKP għandhom jitlestew bejn l-aġent(i) ta' sid il-bastiment u l-baħrin u/jew it-trejdjunjins jew ir-rappreżentanti tagħhom, f'konsultazzjoni mas-Segretarju Permanenti. Għandha tintbagħat kopja ta' dawn il-kuntratti lill-firmatarji. Dawn il-kuntratti jiggarantixxu lill-baħrin il-benefiċċju tas-sistema tas-sigurtà soċjali applikabbli għalihom, li tinkludi assigurazzjoni f'każ ta' mewt, mard u inċident.

8. Is-salarju tal-baħrin tal-AKP jitħallas mis-sidien tal-bastimenti. Għandu jiġi ffissat bi qbil komuni bejn is-sidien tal-bastimenti jew l-aġenti tagħhom u l-baħrin u/jew it-

trejdjunjins jew ir-rappreżentanti tagħhom. Madankollu, il-kundizzjonijiet ta' ħlas tal-baħrin tal-AKP ma jistgħux ikunu agħar minn dawk applikabbli għall-ekwipaġġi tal-pajjiż rispettiv tagħhom u fi kwalunkwe każ ma jistgħux ikunu inferjuri għall-istandards tal-ILO.

Kapitolu V
Miżuri tekniċi

Il-bastimenti għandhom josservaw il-miżuri u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-membri tal-"Arranġament ta' Palau" u/jew tal-WCPFC u/jew xi organizzazzjoni oħra reġjonali/subreġjonali tas-sajd fir-rigward tal-irkaptu tas-sajd, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom u kull miżura teknika oħra li tapplika għall-attivitajiet tas-sajd tagħhom.

Kapitolu VI
L-Osservaturi

1. Fil-mument tat-tressiq ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd, kull bastiment Komunitarju kkonċernat għandu jikkontribwixxi EUR 1 500 fil-Kont tad-Dħul tal-Gvern Nru. 0260-002 fil-Bank Ċentrali tal-Gżejjer Solomon, Honiara, speċifikament għall-programm ta' osservaturi nazzjonali.

2. Il-bastimenti awtorizzati jistadu fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon fil-qafas tal-Ftehim għandhom itellgħu abbord osservaturi maħtura mill-Gżejjer Solomon skont il-kundizzjonijiet stabbiliti hawn taħt:

   2.1 fuq talba tal-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon, il-bastimenti Komunitarji għandhom itellgħu abbord osservatur maħtur mill-organizzazzjoni sabiex jivverifikaw il-qabdiet li jsiru fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon.

   2.2 L-awtoritajiet kompetenti tal-gżejjer solomon għandhom iħejju lista tal-bastimenti dežinjati biex itellgħu osservatur abbord, kif ukoll lista tal-osservaturi maħtura. Dawn il-listi jridu jinżammu aġġornati. Dawn għandhom jiġu komunikati lill-Kummissjoni Ewropea hekk kif jiġu stabbiliti u mbagħad kull tliet xhur fir-rigward tal-aġġornament eventwali tagħhom,

   2.3 L-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għandhom jinfuraw lis-sidien tal-bastimenti jew lill-aġenti tagħhom bl-isem tal-osservatur maħtur biex jittella' abbord il-bastiment tagħhom mal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni tas-sajd, jew sa mhux aktar tard minn 15-il jum qabel id-data ppjanata biex l-osservatur jittella' abbord.

3. Iż-żmien imqatta' abbord mill-osservaturi għandu jiġi ffissat mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon, imma, bħala regola ġenerali, ma għandux jaqbeż iż-żmien meħtieġ sabiex iwettqu dmirijiethom. L-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għandhom jinfurmaw lis-sidien tal-bastimenti u lill-aġenti tagħhom meta jinnotifikawhom dwar l-osservaturi maħtura. Madankollu, fuq talba espliċita tal-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon, il-perjodu li matulu l-osservatur jibqa' abbord jkun imqassam fuq diversi vjaġġi skont it-tul taż-żmien medju tal-vjaġġi għall-bastiment partikolari. Din it-talba

għandha ssir mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon meta jiġi komunikat l-isem tal-osservatur magħżul biex jitla' abbord il-bastiment konċernat.

4. Il-kundizzjonijiet għall-imbark tal-osservaturi għandu jsir bi qbil bejn is-sidien tal-bastimenti jew l-aġenti tagħhom u l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon.

5. L-osservaturi għandhom jittellgħu abbord b'mod magħżul mis-sidien tal-bastiment wara li tkun saret in-notifika tal-lista ta' bastimenti magħżula.

6. Is-sidien ikkonċernati għandhom jikkomunikaw fi żmien ġimagħtejn, u b'avviż ta' għaxart ijiem bil-quddiem, id-dati u l-portijiet stabbiliti għall-imbark tal-osservaturi.

7. Fejn l-osservaturi jittellgħu abbord f'port barrani, l-ispejjeż tagħhom ta' l-ivvjaġġar iridu jitħallsu mis-sid tal-vapur. Jekk bastiment li jkollu osservatur mill-Gżejjer Solomon abbord joħroġ miż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha biex jiġi assigurat li l-osservatur jittieħed lura f'pajjiżu malajr kemm jista' jkun, bl-ispejjeż imħallsa minn sid il-bastiment.

8. Jekk l-osservatur ma jkunx preżenti fil-ħin u fil-post miftiehem u matul it-tnax-il siegħa mill-ħin miftiehem, sid il-bastiment ikun awtomatikament meħlus mill-obbligu tiegħu li jtella' lil dak l-osservatur abbord.

9. L-osservaturi għandhom jiġu ttrattati bħala uffiċjali. Meta l-bastiment ikun qed jopera fl-ilmjiet tal-Gżejjer Solomon, għandu jwettaq id-dmirijiet segwenti:

   9.1 josservaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti;

   9.2 jivverifikaw il-pożizzjoni tal-bastimenti għaddejjin bl-operazzjonijiet tas-sajd;

   9.3 iwettaq xogħol ta' ġbir ta' kampjuni bijoloġiċi fl-ambitu tal-programmi xjentifiċi;

   9.4 jinnota l-irkaptu użat;

   9.5 jivverifika l-informazzjoni li tidher fil-ġurnal ta' abbord dwar il-qabdiet li jkunu saru fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon

   9.6 jivverifika l-perċentwali tal-qabdiet addizzjonali u jagħmel stima tal-volum tal-ispeċijiet ta' ħut mormija li huma tajbin għall-kummerċ;

   9.7 jikkomunika, permezz ta' kull mezz xieraq, l-informazzjoni dwar is-sajd, inkluż il-volum tal-qabdiet prinċipali u addizzjonali li jkunu abbord.

10. Il-kaptan tas-sajd/tal-bastiment għandu jagħmel kull ma hu fis-setgħa tiegħu sabiex jiżgura is-sikurezza fiżika u l-benesseri tal-osservatur fit-twettiq ta' dmirijietu.

11. L-osservatur għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-faċilitajiet kollha neċessarji għat-twettiq ta' dmirijietu. Il-kaptan tas-sajd/tal-bastiment għandu jagħtih aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu, għad-dokumenti marbuta direttament mal-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, li jinkludu b'mod partikolari l-ġurnal ta' abbord u l-ġurnal tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-

Partijiet tal-bastiment meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu aktar faċilment.

12. Waqt li jkunu abbord, l-osservaturi għandhom:

12.1 jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex il-kundizzjonijiet tat-tlugħ tiegħu abbord, kif ukoll il-preżenza tiegħu fuq il-bastiment, ma jinterrompux u lanqas itellfu l-ħidmiet tas-sajd,

12.2 jirrispetta l-materjal u l-irkaptu li jinsabu fuq il-bastiment, kif ukoll il-kunfidenzjalità ta' kull dokument li jappartjeni lill-bastiment rilevanti.

13. Fi tmiem il-perjodu tal-osservazzjoni u qabel ma jitlaq minn fuq il-bastiment, l-osservatur għandu jagħmel rapport tal-attivitajiet, li għandu jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti b'kopja tiegħu tintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea. Għandu jiffirmah fil-preżenza tal-kaptan tal-bastiment/tas-sajd li jista' jżid jew jitlob li jiżdiedu l-osservazzjonijiet kollha li huwa jqis li huma utli, u fl-aħħar dan għandu jiġi ffirmat mill-kaptan tal-bastiment/tas-sajd. Kopja tar-rapport għandha tingħata lill-kaptan tal-bastiment/tas-sajd meta l-osservatur jitniżżel l-art.

14. Sid il-bastiment huwa responsabbli għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-ikel tal-osservatur bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-uffiċjali, skont il-possibbiltajiet prattiċi tal-bastiment.

15. Is-salarju u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-osservatur jitħallsu mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon.

16. Iż-żewġ Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkonsultaw bejniethom fir-rigward tal-iżvilupp ta' programm reġjonali jew sub-reġjonali tal-osservaturi, f'konsultazzjoni mal-Aġenzija Forum għas-Sajd (FFA) u organizzazzjonijiet reġjonali kompetenti oħra tas-sajd.

Kapitolu VII
Identifikazzjoni tal-bastimenti u infurzar

1. Għal finijiet tas-sajd u tas-sikurezza fuq il-baħar, kull bastiment għandu jkun immarkat u identifikat f'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u tal-Agrikoltura (FAO) għall-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd.

2. Isem il-bastiment għandu jidher ċar f'karattri tal-alfabett Latin fuq il-pruwa u fuq il-poppa tal-bastiment.

3. Kwalunkwe bastiment li ma jurix ismu u s-sinjal tar-radju jew l-ittri tas-sinjal kif meħtieġ jista' jiġi skortat lejn port tal-Gżejjer Solomon għal aktar investigazzjonijiet.

4. Il-kaptan tas-sajd/tal-bastiment għandu jiżgura l-monitoraġġ kontinwu tal-frekwenza internazzjonali ta' emerġenza u tas-sejħiet 2182 kHz (HF), u/jew il-frekwenza internazzjonali tas-sikurezza u tas-sejħiet 156.8 MHz (Kanal 16, VHF-FM) sabiex jiffaċilita l-komunikazzjoni mal-awtoritajiet tal-ġestjoni, sorveljanza u infurzar tal-Gvern.

5. Il-kaptan tas-sajd/tal-bastiment għandu jiżgura li kopja reċenti u aġġornata tal-kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali (INTERCO) tkun abbord u tkun aċċessibbli f'kull mument.

Kapitolu VIII
Komunikazzjoni ma' bastimenti tal-għassa tal-Gżejjer Solomon

Il-komunikazzjoni bejn il-bastimenti awtorizzati u l-bastimenti tal-għassa tal-Gvern għandha ssir permezz tal-kodiċijiet internazzjoni segwenti:

Kodiċi internazzjoni - Tifsir:

L ……..Ieqaf immedjatament

SQ3 …….Ieqaf jew naqqas il-pass, nixtieq nitla' abbord il-bastiment tiegħek

QN ……..Ġib il-bastiment tiegħek biswit in-naħa leminija (starboard) tal-bastiment tagħna.

QN1 ……..Ġib il-bastiment tiegħek biswit in-naħa xellugija (port) tal-bastiment tagħna.

TD2 ……...Inti bastiment tas-sajd?

C …….Iva

N …….Le

QR ……..Ma nistgħux inġibu l-bastiment tagħna biswit il-bastiment tagħkom.

QP ……..Se nġibu l-bastiment tagħna biswit il-bastiment tagħkom.

Kapitolu IX
Kontroll

1. Dħul fiż-żona u l-ħruġ minnha:

   1.1 Għallinqas 24 siegħa qabel, il-bastimenti Komunitarji għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon dwar l-intenzjoni tagħhom li jidħlu jew joħorġu miż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon. Għandhom jiddikjaraw ukoll il-kwantitajiet totali u l-ispeċijiet abbord.

   1.2 Meta tingħata n-notifika tal-ħruġ, il-bastimenti għandhom jikkomunikaw ukoll il-pożizzjoni tiegħu u l-volum u l-ispeċijiet tal-qabdiet miżmuma abbord Dawn il-komunikazzjonijiet għandhom isiru preferibbilment bil-feks (+677.387.30 jew +677.381.06) imma fin-nuqqas ta' dan, fil-każ ta' bastimenti mingħajr feks, permezz ta' email (logsheets@fisheries.gov.sb).

1.3 Bastimenti li ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti tar-rappurtar għandhom jitqiesu bħala bastimenti fi ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ta-ssajd.

1.4 In-numri tal-feks u tat-telefon kif ukoll l-indirizz elettroniku jingħataw ukoll meta tinħareġ l-awtorizzazzjoni tas-sajd.

2. Proċeduri ta' kontroll

2.1 Il-kaptani tas-sajd/tal-bastimenti Komunitarji li jkunu involuti f'attivitajiet ta' sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon għandhom jippermettu u jiffaċilitaw l-imbark u t-twettiq tad-dmirijiet ta' kwalunkwe uffiċjal mill-Gżejjer Solomon responsabbli għall-ispezzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd.

2.2 Il-preżenza abbord ta' dawn l-uffiċjali ma għandhiex tkun aktar miż-żmien meħtieġ għat-twettiq tal-kompitu tagħhom.

2.3 Ladarrba jitlestew l-ispezzjoni u l-kontroll, jingħata ċertifikat lill-kaptan tal-bastiment.

3. Tlugħ abbord

3.1 L-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon għandhom jinfurmaw lill-Istat tal-bandiera u lill-Kummissjoni Ewropea, fi żmien 24 siegħa, b'kull stlugħ abbord u s-sanzjonijiet imposti fuq bastimenti Komunitarji fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

3.2 L-Istat tal-bandiera u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jirċievu fl-istess waqt rapport qasir dwar iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet li wasslu għal din l-ispezzjoni.

4. Ir-rapport tal-ispezzjoni

4.1 Wara li l-awtorità tal-Gżejjer Solomon tkun ħejjiet stqarrija, il-kaptan tal-bastiment/tas-sajd għandu jiffirmaha.

4.2 Din il-firma m'għandhiex tippreġudika d-drittijiet tal-kaptan tal-bastiment/tas-sajd jew kwalunkwe difiża li jista' jagħmel għall-ksur allegat. Jekk il-kaptan tal-bastiment/tas-sajd jirrifjuta li jiffirma id-dokument, irid jagħti r-raġunijiet preċiżi għal dan bil-miktub u l-ispettur irid iniżżel ir-referenza "irrifjuta li jiffirma".

4.3 Il-kaptan tas-sajd/tal-bastiment għandu jieħu l-bastiment tiegħu fil-port indikat mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon. F' każ ta' ksur minuri, l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon jistgħu jawtorizzaw lill-bastiment spezzjonat biex ikompli jistad.

5. Laqgħa ta' konsultazzjoni f'każ ta' spezzjoni

5.1 Qabel ma jiġu kkunsidrati l-miżuri eventwali fil-konfront tal-kaptan tal-bastiment jew il-kaptan tas-sajd jew tal-ekwipaġġ tal-bastiment jew kull azzjoni oħra li tirrigwarda t-tagħbija u t-tagħmir tal-bastiment, għajr dawk maħsuba għall-konservazzjoni tal-provi dwar il-ksur allegat, għandha ssir

laqgħa ta' konsultazzjoni, fi żmien jum tax-xogħol minn meta jiġi rċevut dan it-tagħrif, bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon, bil-parteċipazzjoni eventwali ta' rappreżentant tal-Istat Membru konċernat.

5.2 Matul din il-laqgħa, il-Partijiet għandhom ipartu bejniethom id-dokumentazzjoni kollha jew it-tagħrif rilevanti li jistgħu jgħinu biex jiċċaraw iċ-ċirkostanzi tal-fatti allegati. Is-sid tal-bastiment jew l-aġent tiegħu għandhom jiġu infurmati b'dak li joħroġ mil-laqgħa u x'miżuri jkunu se jittieħdu minħabba l-imbarkar.

6. Proċedura għat-tlugħ abbord

6.1 Qabel ma jittieħdu proċeduri ġudizzjarji, għandu jsir tentattiv sabiex il-ksur allegat jiġi solvut bonarjament. Din il-proċedura għandha tintemm sa mhux iktar tard minn 15-il jum tax-xogħol mill-ispezzjoni.

6.2 F'każ ta' tranżazzjoni bonarja, l-ammont tal-multa applikata għandu jiġi determinat skont il-leġiżlazzjoni tal-Gżejjer Solomon.

6.3 Jekk il-każ ma jkunx jista jissolva bonarjament u jkollu jitressaq quddiem awtorità ġudizzjarja kompetenti, sid il-bastiment għandu jiddepożita garanzija bankarja biex jitqiesu l-ispejjeż konnessi mal-ispezzjoni kif ukoll l-ammont tal-multa u tal-kumpens li jistgħu jeħlu dawk responsabbli għall-ksur, fil-Kont tad-Dħul tal-Gvern Nru. 0260-002 mal-Bank Ċentrali tal-Gżejjer Solomon, Honiara.

6.4 Il-garanzija mill-bank għandha tkun irrevokabbli sakemm il-proċeduri legali jkunu ġew konklużi. Għandha tinħall hekk kif il-proċeduri legali jintemmu mingħajr kundanna ta' ħtija. Bl-istess mod, f'każ ta' kundanna li twassal għal multa li tkun inqas mill-garanzija depożitata, id-differenza tiġi rilaxxata mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon.

6.5 Il-bastiment jinħeles u l-ekwipaġġ tiegħu ikun awtorizzat li jħalli l-port:

- Ladarba jitqiegħdu l-obbligi miftiehma fil-proċedura bonarja, jew

- mad-depożitu tal-garanzija bankarja skont il-punt 6.3 indikat aktar 'il fuq u l-aċċettatazzjoni tagħha mill-awtoritajiet tal-Gżejjer Solomon, sakemm il-proċedimenti ġudizzjarj jkunu għandhom pendenti.

7. Is-Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS)

Kull bastiment Komunitarju għandu jikkonforma mal-VMS reġjonali attwalment applikabbli fiż-ŻEE tal-Gżejjer Solomon. Kull bastiment Komunitarju għandu jkollu abbord unità tat-trażmissjoni mobbli (UTM) installata, miżmuma kif xieraq, u kompletament operazzjonali, approvata mill-FFA.

8. Trażbordi

8.1 Il-bastimenti Komunitarji kollha għandhom jittrażbordaw biss qabdiet fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon ġewwa portijiet magħżula tal-Gżejjer Solomon.

8.2 Is-sidien ta' dawn il-bastimenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Solomon, mill-anqas 48 siegħa minn qabel:

(a) l-ismijiet tal-bastimenti tas-sajd involuti fi trażbord;

(b) l-ismijiet, in-numri tal-IMO u l-bandiera tal-bastiment tal-ġarr;

(ċ) it-tunnellaġġ, għal kull speċi, li jkun ser jiġi trażbordat;

(d) il-jum u l-post tat-trażbord;

8.3 Kwalunkwe trażbord ta' qabdiet, fl-ilmijiet tal-Gżejjer Solomon jekk mhux fil-portijiet magħżula, għandu jkun ipprojbit. Kwalunkwe persuna li tikser din id-dispożizzjoni għandha tkun soġġetta għas-sanzjonijiet previsti fil-liġi tal-Gżejjer Solomon.

9. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd Komunitarji li jkunu involuti f'operazzjonijiet ta' ħatt jew ta' trażbord f'port magħżul tal-Gżejjer Solomon għandhom jippermettu u jiffaċilitaw il-kontroll ta' dawn l-operazzjonijiet mill-ispetturi tal-Gżejjer Solomon. Ladarba l-ispezzjoni tkun ġiet ikkompletata fil-port, għandu jinħareġ ċertifikat lill-kaptan tal-bastiment.

APPENDIĊI

I. Formola ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għas-sajd.

II. Il-ġurnal ta’ abbord

Appendiċi I

FTEHIM DWAR IS-SAJD KE/GŻEJJER SOLOMON
APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI U PERMESS
Lis-Segretarju Permanenti tad-
DIPARTIMENT TAS-SAJD U TAR-RIŻORSI TAL-BAĦAR TAL-GŻEJJER SOLOMON

ISTRUZZJONIJIET:

L-Applikanti BILFORS għandhom jiffirmaw u jniżżlu d-data fuq l-applikazzjoni; inkella, ma tkunx valida.
Indirizz ifisser l-indirizz sħiħ fejn wieħed jirċievi l-posta.
Immarka b' ☒ fejn jixraq;
L-unitajiet kollha għandhom ikunu Metriċi; speċifika l-unitajiet jekk jintużaw sistemi oħrajn.
Ehmeż ma' din l-applikazzjoni ritratt riċenti bil-kulur, bid-daqs ta' 6 x 8 pulzieri, tal-bastiment mill-ġenb, u li jkun juri l-Isem tal-Bastiment u n-Numru tar-Reġistrazzjoni.
Ehmeż kopja taċ-ċertifikati tar-Reġistru Reġjonali tal-Aġenzija Forum tas-Sajd (FFA) u tas-Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS).

Jekk dan il-bastiment kien irreġistrat qabel, speċifika:

Isem preċedenti tal-bastiment _____
Numru ta' reġistrazzjoni preċedenti _____
Is-Sinjal tar-Radju preċedenti _____

Rekwiżit reġjonali

Numru ta' Reġistrazzjoni FFA _____
Numru tar-Reġistrazzjoni FFA VMS. _____
Tip ta' ALC _____

Identifikazzjoni tal-bastiment

Isem il-Bastiment _____

It-Tip ta' Bastiment: (Agħżel kif meħtieġ)

Purse Seiner jistad waħdu ☐
Bil-lenza twila ☐
Bil-qasba u l-lenza ☐
tal-Ġarr tal-Ħut/Bastiment Imkessaħ ☐
Banker ☐
Bit-tartarun forma ta' grupp ta' xkejjer ☐
Dgħajsa tat-Tiftix ☐
Oħrajn: ☐ _____ Speċifika

Pajjiż tar-Reġistrazzjoni _____
Numru tal-Pajjiż tar-Reġistrazzjoni _____
Il-Kodiċi Internazzjonali tar-Radju _____

Sid il-Bastiment:

Isem _____
Indirizz _____

Operatur tal-Bastiment/min Jikrih

Isem _____
Indirizz _____

Kaptan tal-Bastiment:

Isem _____
Indirizz _____

Kaptan tas-Sajd:

Isem _____
Indirizz _____

Bażi/jiet ta' l-Operazzjonijiet

Port 1/Pajjiż _____
Port 2/Pajjiż _____
Port 3/Pajjiż _____

Dettalji tal-Permess

Agħżel kemm idum il-permess, kif applikabbli, u speċifika d-data preferuta li minnu jibda japplika.

1 sena ☐ _____
6 xhur ☐ _____
3 xhur ☐ _____

Bandiera/Stat taż-Żona tas-Sajd		Oħrajn (Speċifika)	

L-Ispeċifikazzjonijiet tal-Bastiment

Materjal li minnu hu magħmul il-buq	Azzar □	Injam □	FRP □	Jekk ieħor, speċifika			
Sena meta nbena		Tunnellaġġ Gross					
Il-post fejn inbena		Tul totali					
Numru ta' ekwipaġġ.		Qawwa tal-Magni (speċifika l-unità)	Ewlenin		Kapaċità tal-Ġarra (kilolitri)	tal-Karburant	

Kapaċità ta' Kuljum tal-Iffriżar (Agħżel aktar minn waħda, jekk jixraq):

Metodu		Kapaċità Tunnellati metriċi/jum	Temperatura (c)
Salmura (NaCl)	BR □		
Salmura (CaCl)	CB □		
Arja (Kolpi qawwija ta' riħ)	BF □		
Arja (Koljaturi)	RC □		
Jekk ieħor, speċifika			

Kapaċità tal-ħażna (aktar minn waħda, jekk xieraq):

Metodu		Kapaċità Metri kubu	Temperatura (c)
Silġ	IC □		
Ilma tal-Baħar imkessaħ RW	RW □		
Salmura (NaCl)	BR □		
Salmura (CaCl)	CB □		
Arja (Koljaturi)	RC □		
Jekk ieħor, speċifika			

Imla A, B, C jew D hawn taħt, kif jixraq.

A. Għal Bastimenti li jistadu bil-Purse Seines:

Nru. tar-Reġ. tal-Ħelikopter. _____ Tul tax-Xibka (metri) _____
Mudell tal-Ħelikopter_____ Fond tax-Xibka (metri) _____
Inġenji ta' appoġġ:
Isem 1 _____ Tip 1_____
Isem 2 _____ Tip 2_____
Isem 3 _____ Tip 3_____

B. Għall-Bastimenti bix-Xlief u l-Qasab:

Għadd ta' inġenji awtomatiċi tas-sajd bil-qasba (poling devices) (0 jekk xejn) _____
Stivi tal-Lixka (aktar minn waħda, jekk jixraq):

Metodu ta' Ċirkolazzjoni (x fejn hu meħtieġ)		Kapaċità (Metri kubu)
Naturali	NN □	
Ċirkolazzjoni	CR □	
Imkessaħ	RC □	

C. Għal Bastimenti li jistadu bil-Konz:

Għadd medju ta' konzijiet (qfief) _____ Tul tal-Konz f'Km _____
Għadd medju ta' snanar għal kull konz (qoffa) _____
Materjal tal-lett_____

D. Għall-Bastimenti ta' Appoġġ:

Attivitajiet (aktar minn waħda, jekk xieraq)

Tal-ġarr, imkessaħ informazzjoni (scouting)	☐	Dgħajsa	għat-tiftix/ ta'
Dgħajsa ta' l-Ankra omm	☐	Bastiment	tal-provvisti/bastiment

Jekk ieħor, speċifika_____

Bastiment(i)	tas-sajd	Appoġġat(i)
_____	_____	_____

Niddikjara li l-informazzjoni hawn fuq hija vera u sħiħa. Jiena nifhem li jiena mistenni nirrapporta kull tibdil li jsir fl-informazzjoni hawn fuq immeddjatament, u nifhem ukoll li jekk nonqos li nagħmel dan, dan jista' jolqot il-pożizzjoni tiegħi fir-Reġistru Reġjonali tal-FFA. Din l-applikazzjoni tressqet f'konformità ma:

Isem il-Ftehim	Data tad-Dħul fis-seħħ tal-Ftehim

L-Applikant:
Iddikjara jekk intix is-sid, il-kerrej, jew l-aġent _____

Isem l-Applikant:		Telefown:	
Indirizz:		Nru. Tal-Fax:	
		Email:	
Firm		Disponibbli għal informazzjoni qabel l-istampar	

Appendiċi II

REV: SPC/FFA DEC 1996 SOUTH PACIFIC REGIONAL PURSE-SEINE LOGSHEET (LOGSHEET REĠJONALI TAN-NOFSINHAR TAL-PAĊIFIKU GĦAS-SAJD BIL-PURSE-SEINES)

PAĠNA _____MINN _____

ISEM IL-BASTIMENT		NUMRU/I TAL-PERMESS TAS-SAJD JEW TAL-LIĊENZJA		FINANZJARJA
ISEM IL-KUMPANIJA TAS-SAJD	NUMRU TAR-REĠISTRAZZJONI FFA	ISEM L-AĠENT FIL-PORT FEJN ISIR IL-ĦATT	PORT TAT-TLUQ	PORT FEJN ISIR IL-ĦATT
PAJJIŻ TAR-REĠISTRAZZJONI	L-FFA APPROVAT IT-TIP TA' L-ALC (IVA/LE)?	**. ID-DATI U L-ĦINIJIET KOLLHA JRIDU JKUNU UTC/GMT**	DATA U ĦIN TAT-TLUQ	DATA U ĦIN TAL-WASLA FIL-POFT
NUMRU TAR-REĠISTRAZZJONI FIL-PAJJIŻ TAR-REĠISTRAZZJONI	SINJAL INTERNAZZJONALI TAR-RADJU	**. IL-PIŻIJIET KOLLHA JRIDU JKUNU TUNNELLATI METRIĊI**	AMMONT TA' ĦUT ABBORD FIL-BIDU TAL-VJAĠĠ	AMMONT TA' ĦUT ABBORD WARA L-ĦATT

XAHAR	JUM	KOWD TA' L-ATTIVITÀ	01:00 UTC JEW POŻIZZJONI FISSA				KOWD TA' L-ASSOĊJAZZJONI TAL-ĠLIEBA	IL-ĦIN IFFISSAT GĦALL-BIDU	**QABDA MIŻMUMA**						**ĦUT SKARTAT**					
			LATITUDNI GGMM.MMM	N S	LONGITUDNI GGGMM.MMM	LP Nr u. MIŻ.			PIŻ TAL-ĦUT QABBIEŻI	PIŻ TAL-ĦUT BIL-PINEN SOFOR	TONNAĠĦAJNU KBIRA PIŻ	Speċi ohrajn		NUMRU TA' KOMPARTIMENTI MAGĦLUQ IN FEJN JINŻAMM IL-ĦUT	SPEĊIJIET TAT-TONN			Speċi ohrajn		
												ISEM	PIŻ		ISEM	PIŻ	KOWD	ISEM	NUMRU	PIŻ
							TOTAL TAL-PAĠNA													
							TOTAL TAL-VJAĠĠ													

KOWDS TA' L-ATTIVITAJIET

ĦU NOTA TAL-VJAĠĠIJIET KOLLHA JEKK MA JSIRUX KALATI F'DIK IL-ĠURNATA, JEKK JOGĦĠBOK NIŻŻEL L-ATTIVITÀ EWLENIJA GĦAL DAK IL-JUM

1 KALAR

2 TIFTIX

3 MAWRIEN MINN POST GĦALL-

KOWDS TA' L-ASSOĊJAZZJONI TAL-ĠLIEBA

1 MĦUX ASSOĊJAT

2 MGĦALLFA B'ĦUT TAL-LIXKA

3 ŻOKK, MATERJAL JEW ANNIMAL MEJJET MITLUQ GĦAL RIĦU F'WIĊĊ L-ILMA

4 ĊATTRA, FAD JEW PAYAO LI JINĠARRU MILL-KURRENT

ĦATT GĦAL FABBRIKI, FRIŻI, TRASPORTATURI JEW BASTIMENTI OĦRA

DATA TAL-BIDU	DATA TAT-TMIEM	FABBRIKA JEW BASTIMENT U DESTINAZZJONI	SINJAL INTERNAZZJONALI GĦAL SEJĦIET BIR-RADJU	ĦUT QABBIEŻI	ĦUT BIL-PINEN SOFOR	BIGEYE	IMĦALLTA

IEHOR	5 ĊATTRA, FAD JEW PAYAO LI JKUNU ANKRATI							
4 MA SARX SAJD – ĦSARA FIL-MAGNI	6 BALIENA ĦAJJA							
5 MA SARX SAJD – TEMP ĦAŻIN	7 KELB IL-BAĦAR KBIR ĦAJ JIXBAĦ BALIENA							
6 ĠEWWA L-PORT – JEKK JOGĦĠBOK SPEĊIFIKA	8 OHRAJN							
7 TINDIF TAX-XBIEKI	**KODIĊI TAT-TONN SKARTAT**	ISEM IL-KAPTAN		FIRMA TAL-KAPTAN		DATA		
	1 ĦUT ŻGĦIR WISQ							
	2 ĦUT IMĦASSAR							
	3 BASTIMENT MGĦOBBI KOLLU							
	4 RAĠUNI OHRA							

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon.

2. QAFAS ABM/ABB (ĠESTJONI SKONT L-ATTIVITAJIET/STABBILIMENT TAL-BAĠIT)

11. Is-sajd u affarijiet marittimi

1103. Is-sajd internazzjonali u l-liġi tal-baħar

3. LINJI TAL-BAĠIT:

3.1. Linji tal-Baġit:

110301: Ftehimiet Internazzjonali fil-qasam tas-sajd

11010404: Ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd - nefqa għall-ġestjoni amministrattiva

3.2. It-tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

Il-Protokoll għall-Ftehim dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer Solomon jiskadi fit-8 ta' Ottubru 2009. Il-Protokoll il-ġdid ġie konkluż għal terminu ta’ tliet snin li jibdew jgħoddu mid-9 ta' Ottubru 2009 sat-8 ta’ Ottubru 2012.

Il-Protokoll jistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja, il-kategoriji tas-sajd u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-UE li jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon.

3.3 Karatteristiċi tal-baġit (żid ir-ringieli jekk ikun hemm bżonn):

Linja tal-baġit	**Tip ta' nfiq:**		**Ġdid**	**Kontribuzzjoni mill-EFTA**	**Kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati**	**Intestatura fil-perspettiva finanzjarja**
110301	Obblig.[3]	Diff.[4]	Nru	Xejn	Xejn	**Nru 2**
11010404	Obblig.	Mhux diff.[5]	Nru	Xejn	Xejn	**Nru 2**

[3] Infiq obbligatorju

[4] Approprjazzjonijiet differenzjati.

[5] Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi finanzjarji

4.1.1. Ġabra fil-qosor tal-approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) u l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (AĦ)

Tip ta' nfiq:	Sezzjoni nru			2009	2010	2011	2012	Total
Nefqa operattiva[6]								
Approprazzjonijiet għall-impenji	8.1	a	Ara n-noti tal-qiegħ [7] u [8]		0. 4000	0. 4000	0. 4000	1.2000
Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet		b	Ara n-nota tal-qiegħ 12 u 13		0. 4000	0. 4000	0. 4000	1.2000
Spejjeż amministrattivi inklużi fl-ammont ta' referenza[9]								
L-għajnuna teknika u amministrattiva – (Mhux diff.)	8.2.4	c						
AMMONT TOTALI TA' REFERENZA								
Approprjazzjonijiet ta' impenn		a+c	Ara n-noti tal-qiegħ 12 u 13		0.4000	0.4000	0.4000	1.2000
Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet		b+c	Ara n-noti tal-qiegħ 12 u 13		0.4000	0.4000	0.4000	1.2000
Infiq amministrattiv ieħor <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza[10]								
Riżorsi umani u spejjeż relatati (Mhux diff.)	8.2.5	d		0.02013	0.0671	0.0671	0.04697	0.2013

6 Infiq li ma jaqax taħt il-Kapitolu 11 01 tat-Titolu 11 ikkoċernat.

7 Inkluż: Il-kontribuzzjoni finanzjarja għas-sajd tat-tonn hija ta' EUR 400 000 fis-sena u tkopri volum ta' 4 000 tunnellata ta' qabdiet. Jekk il-volum ta' qabdiet annwali jisboq dik il-kwantità, l-ammont ta' kumpens finanzjarju jiżdied proporzjonalment b'rata ta' EUR 65/tunnellata, iżda ma għandux jisboq EUR 800 000 fis-sena.

8 According to the Protocol, the fishing opportunities may be increased by mutual agreement provided that the conclusions of the annual meeting of the "Palau Arrangement" members and the annual review of the status of stocks made by the Secretariat of the Pacific Community confirm that such an increase will not endanger the sustainable management of Solomon Islands' resources The financial contribution may, however, only be increased subject to budgetary possibilities.

9 Spejjeż relevanti għall-Artikolu 11 01 04 tat-Titolu 11.

10 Spejjeż fil-kuntest tal-Kapitolu 11 01 għajr l-Artikoli 11 01 04 jew 11 01 05.

Spejjeż amministrattivi minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (Mhux diff.)	8.2.6	e		0.0050	0.0150	0.0150	0.0150	0.0500

Total indikattiv tan-nefqa tal-azzjoni

Total AI inkluż il-kost għar-riżorsi umani		a+ c+ d+ e	Ara n-noti tal-qiegħ 12 u 13	0.02513	0.4821	0.4821	0.46197	1.4513
Total tal-AĦ inkluż il-kost għar-riżorsi umani		b+ c+ d+ e	Ara n-noti tal-qiegħ 12 u 13	0.02513	0.4821	0.4821	0.46197	1.4513

Dettalji dwar il-kofinanzjament: M'hemmx kofinanzjament

miljuni ta' EUR (sa 4 ċifri wara l-punt deċimali)

Dettalji dwar l-entità mdaħħla fil-kofinanzjament			2009	2010	2011	2012	Total
	f						
TOTAL KE bil-finanzjament konġunt	a + c + d + e + f	Ara n-noti tal-qiegħ 12 u 13	0.02513	0.4821	0.4821	0.46197	1.4513

4.1.2. Kompatibbiltà mal-programmazzjoni finanzjarja

X Il-proposta hi kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti.

☐ Din il-proposta teħtieġ pjan tal-intestaturi rilevanti tal-perspettivi finanzjarji.

☐ Din il-proposta tista' tkun teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[11] (l-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettivi finanzjarji)

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-dħul

X Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul.

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul hu kif ġej:

Nota: Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-metodu tal-kalkolu tal-effett fuq id-dħul għandhom jintwerew f'anness separat.

[11] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

miljuni ta' EUR (sa 4 ċifri wara l-punt deċimali)

		Qabel	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni				
Linja tal-baġit	Dħul	azzjoni *[Sena n-1]*	[Sena n]	[n + 1]	[n + 2]	[n + 3]	[n + 4]
	(a) Dħul f'termini assoluti						
	(b) Bidla fid-dħul Δ						

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja tal-baġit ta' dħul ikkonċernata, u żid l-għadd ta' ringieli xierqa mat-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja tal-baġit waħda.)

4.2. Ir-Riżorsi Umani bħala ETP (inklużi uffiċjali, impjegati temporanji u dawk esterni) – ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	2009	2010	2011	2012
Għadd totali ta' riżorsi umani	0.55	0.55	0.55	0.55

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Ħtieġa li għandha tintlaħaq fil-medda l-qasira jew dik twila

Il-ħtieġa għal dan il-Ftehim ta' Sħubija Ġdid hija marbuta mal-ħtieġa li l-bastimenti tal-UE jitħallew jiksbu drittijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd bil-purse seines fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon, esklussivament għat-tonn u speċijiet li jixbħuh.

L-elementi ewlenin tal-Protokoll il-ġdid huma:

- Opportunitajiet ta' sajd: b'tunnellaġġ ta' referenza annwali ta' 4 000 tunnellata, 4 bastimenti għas-sajd tat-tonn bit-tartarun se jkunu allokati b'dan il-mod:
  - bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun: Franza: 25%, Spanja: 75%
- Kontribuzzjoni finanzjarja annwali: EUR 400 000
- Ħlas bil-quddiem u tariffi mħallsa mis-sidien tal-bastimenti[12]: EUR 35 għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun għal kull tunnellata ta' tonn li tinqabad fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Solomon. Il-ħlasijiet annwali bil-quddiem huma stabbiliti għal EUR 13 000 għal kull bastiment tas-sajd bit-tartarun.

[12] Il-ħlasijiet bil-quddiem u t-tariffi tal-operaturi m'għandhom l-ebda effett fuq il-baġit tal-UE.

5.2. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM

In-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet tas-sajd ma' pajjiżi terzi jilħqu l-għan ġenerali li jinżammu u jitħarsu l-attivitajiet tas-sajd tradizzjonali tal-flotta tal-UE, inkluża l-flotta li tistad f'ilmijiet imbiegħda, u li jiġu żviluppati r-relazzjonijiet fi spirtu ta' sħubija sabiex jissaħħaħ l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd 'il barra mill-ilmijiet tal-UE waqt li jitqiesu l-kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi.

L-indikaturi li ġejjin se jintużaw fil-kuntest tal-ABM għall-iskopijiet ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim:

- il-monitoraġġ tar-rata ta' użu tal-opportunitajiet ta' sajd;
- il-ġbir u l-analiżi tad-data dwar il-qabdiet u tal-valur kummerċjali tal-Ftehim;
- il-kontribut lejn l-impjiegi u l-valur miżjud fl-UE;
- il-kontribut għall-istabilizzazzjoni tas-suq tal-UE;
- il-kontribut għall-għanijiet ġenerali tat-tnaqqis tal-faqar fil-Gżejjer Solomon li jinkludi l-kontribut għall-impjiegi , għall-iżvilupp tal-infrastrutturi u l-appoġġ għall-baġit tal-Istat;
- l-għadd ta' laqgħat tekniċi u tal-Kumitat Konġunt.

5.3. Metodu ta' implimentazzjoni (indikattiv)

X Ġestjoni Ċentralizzata

X Direttament mill-Kummissjoni

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

6.1. Is-sistema ta' kontroll

Il-Kummissjoni (DĠ MARE, b'kollaborazzjoni mad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Gżejjer Solomon) se tassigura monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu mill-operaturi u f'termini tad-dejta dwar il-qabdiet.

6.2. Valutazzjoni

F'Awwissu 2009 intemmet evalwazzjoni fil-fond tal-Protokoll 2006-09, bl-għajnuna ta' konsorzju ta' konsulenti indipendenti sabiex jinbdew in-negozjati dwar Protokoll ġdid.

6.2.1. Evalwazzjoni ex-post

L-evalwazzjoni identifikat il-punti ta' interess li ġejjin għall-UE fiż-żamma tar-relazzjonijiet fis-settur tas-sajd mal-Gżejjer Solomon:

- Billi jilħaq il-ħtiġijiet tal-flotot Ewropej, il-ftehim tas-sajd mal-Gżejjer Solomon jgħin biex isostni l-vijabbiltà tal-industrija tat-tonn tal-UE fl-Oċean Paċifiku.

- Il-Protokoll jitqies li jista' jikkontribwixxi għall-vijabbiltà tal-industriji Ewropej billi joffri lill-bastimenti tal-UE u lill-industriji li jiddependu fuqhom, ambjent ġuridiku stabbli,
- Il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-IATTC fl-EPO se jwasslu għal tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd fil-Lvant tal-Atlantiku (għeluq staġjonali) għall-flotot kollha li jistadu bil-purse seines. Il-bastimenti tas-sajd bil-purse seines tal-UE għalhekk se jkollhom jiżvilppaw strateġiji alternattivi biex joperaw fiż-żona tal-WCP biex jippreservaw il-vijabbiltà ekonomika tagħhom;
- Fl-2006, il-Komunità Ewropea adottat strateġija ġdida għat-tisħiħ tas-sħubija mal-Gżejjer tal-Paċifiku, fosthom azzjonijiet ta' żvilupp aktar iffokati fuq il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali. L-FPA mal-Gżejjer Solomon isostni din l-istrateġija billi jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-implimentazzjoni ta' Politika Nazzjonali tas-Sajd li tikkomplementa l-inizjattivi reġjonali tal-EDF.
- Il-Green Paper dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd tenfasizza li l-kooperazzjoni fuq bażi reġjonali għandha tiġi esplorata bħala mezz biex tinkiseb is-sostenibbiltà 'l barra mill-ilmijiet tal-UE.
- Hija parti mill-istrateġija tal-UE biex jissaħħaħ il-qafas tal-RFMOs bħala mezz biex titħeġġeġ il-governanza tas-sajd.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-interessi tal-Gżejjer Solomon fil-kuntest tal-Ftehim, il-konklużjonijiet ewlenin tal-evalwazzjoni kienu:

- Il-Gżejjer Solomon jeħtieġu riżervi ta' valuti barranin biex iżommu l-istabbiltà makroekonomika. Dħul garantit matul perjodu ta' mhux inqas minn tliet snin mill-FPA għandu jaqdi parti mill-ħtiġijiet tal-pajjiż;
- Il-Ministeru tas-Sajd tal-Gżejjer Solomon għandu l-problemi biex jikseb il-finanzjament b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Politika Nazzjonali dwar is-Sajd, u jiddependi l-aktar fuq l-għajnuna minn barra biex jimplimenta l-programmi mmexxija minn donaturi barranin. Ftehim Ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-UE għandu jgħin biex jiżgura l-finanzjament nazzjonali matul diversi snin għall-iżvilupp tal-politika mhux appoġġata minn donaturi barranin, jew biex tiġi pprovduta kontribuzzjoni Nazzjonali meta din tkun meħtieġa;

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ex post (tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet mill-istudju ta' evalwazzjoni, l-elementi l-ġodda li ġejjin ġew introdotti fil-ftehim.

- Iddaħħlet klawżola ta' reviżjoni fit-test tal-protokoll sabiex il-protokoll ikun jista' jiġi emendat jekk ikun hemm tibdil sinifikanti fil-linji gwida ta' poliitka li wasslu għall-konklużjoni tal-protokoll. Eż. jekk jiġi implimentat approċċ reġjonali fil-każ tal-konklużjoni ta' ftehim reġjonali li jkunu parti kontraenti tiegħu l-Gżejjer Solomon;

- Il-kontribuzzjoni finanzjarja minn sidien tal-bastimenti tal-UE għall-Fondi tal-Osservaturi ġiet riveduta għal ċifra ogħla biex tkopri r-rekwiżiti l-ġodda ta' kopertura imposti kemm mill-pajjiżi PNA kif ukoll mill-WCPFC.

- Bidla fil-kundizzjonijiet marbuta mas-sħubija. Għall-kuntrarju ta' FPAs oħra, il-ftehim preċedenti mal-Gżejjer Solomon ma kienx jinkludi klawsola ta' salvagwardja li permezz tagħha l-UE tista' tissospendi l-applikazzjoni tal-Protokoll jew tirrevedi l-kontribuzzjoni finanzjarja jekk ikun hemm nuqqas fl-implimentazzjoni tal-politika settorjali mill-Gżejjer Solomon. Iddaħħlet din il-klawsola;

6.2.3. Il-kundizzjonijiet u l-frekwenza għall-evalwazzjoni fil-ġejjieni

Biex ix-xogħol ta' studju li ġie ffinalizzat f'Awwissu 2009 jissokta (ara l-punti 6.2.1 u 6.2.2) u biex jiġi żgurat sajd sostenibbli fir-reġjun, evalwazzjoni u analiżi tal-impatt tal-protokoll se ssir kull darba li l-protokoll jiġi mġedded fil-ġejjieni. L-indikaturi elenkati fil-punt 5.2 se jintużaw biex issir din l-evalwazzjoni.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mħallsa mill-UE skont il-Ftehim jitqiegħed kompletament għad-diskrezzjoni tal-pajjiż terz sovran ikkonċernat.

Il-Kummissjoni, madankollu, tintrabat li tipprova toħloq djalogu politiku permanenti u kooperazzjoni sabiex tkun tista' ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u ssaħħaħ il-kontribut tal-UE għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi.

Fil-każijiet kollha, kull ħlas li jsir mill-Kummissjoni fl-ambitu ta' Ftehim tas-Sajd huwa suġġett għar-regoli u l-proċeduri tal-baġit u finanzjarji normali tal-Kummissjoni. Dan jippermetti, b'mod partikolari, li jiġu identifikati b'mod sħiħ il-kontijiet bankarji tal-Istati terzi li fihom jitħallsu l-ammonti tal-kontribuzzjoni finanzjarja.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini tal-kosti tagħhom

		2009		2010		2011		2012		*TOTAL*	
	Tip ta' riżultat	*Għadd ta' riżultati*	*Kost totali għall-UE*	*Għadd ta' riżultati*	*Kost totali għall-UE*	*Għadd ta' riżultati*	*Kost totali għall-UE*	*Għadd ta' riżultati*	*Kost totali għall-UE*	*Għadd ta' riżultati*	*Kost totali*
GĦAN OPERATTIV Nru 1:[13] Biex jinkisbu opportunitajiet tas-sajd u jitpartu ma' kontribuzzjoni finanzjarja											
Azzjoni 1											
Riżultat 1	Għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd skont il-perjodu tal-liċenzja			4 awtorizzazzjoni għas-sajd (bastimenti għat-tonn)	*0.2600*	4 awtorizzazzjoni għas-sajd (bastimenti għat-tonn)	*0.2600*	4 awtorizzazzjoni għas-sajd (bastimenti għat-tonn)	*0.2600*	12-il awtorizzazzjoni għas-sajd (bastimenti għat-tonn)	*0.7800*
Riżultat 2	Tunnellaġġ ta ' referenza minimu			4,000 t		4,000t		4,000 t		12,000 t	
Azzjoni 2											
Riżultat 2	Allokazzjoni ta' 35% tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ u l-			*35% tal-kontribuzzjoni finanzjarja:*	*0.1400*	*35% tal-kontribuzzjoni finanzjarja:*	*0.1400*	*35% tal-kontribuzzjoni finanzjarja:*	*0.1400*	*35% tal-kontribuzzjoni finanzjarja:*	*0.4200*

[13] Kif deskritt fil-punt 5.3.

	implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd tal-Gżejjer Solomon										

8.2. Infiq amministrattiv

Il-ħtiġijiet f'termini tar-riżorsi umani u amministrattivi se jiġu sodisfatti parzjalment mill-approprjazzjoni allokata lid-Direttorat Ġenerali inkarigat fl-ambitu tal-proċedura annwali ta' allokazzjoni.

8.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' impjiegi		Il-persunal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**għadd ta' karigi/FTEs**)					
		2009	2010	2011	2012		
Uffiċjali u aġenti temporanji[14] (11 01 01)	A*/AD	0.25	0.25	0.25	0.25		
	B*, C*/AST	0.3	0.3	0.3	0.3		
Staff iffinanzjat[15] mill-Artikolu 11 01 02							
Staff ieħor iffinanzjat[16] skont l-Art. 11 01 04 04							
TOTAL		**0.55**	**0.55**	**0.55**	**0.55**		

8.2.2. Deskrizzjoni tal-ħidmiet li joħorġu mill-azzjoni

- Assistenza lin-negozjatur fit-tħejjija u l-konklużjoni tan-negozjati dwar ftehimiet tas-sajd:
  - il-parteċipazzjoni fin-negozjati mal-pajjiżi terzi sabiex jiġu konklużi l-ftehimiet dwar is-sajd,
  - it-tħejjija tal-abbozzi ta' rapporti ta' evalwazzjoni u n-noti dwar l-istrateġija għan-negozjati għall-Kummissarju,
  - il-preżentazzjoni u d-difiża tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sajd Estern tal-Kunsill;
  - il-parteċipazzjoni fit-tfittxija għal kompromess mal-Istati Membri għall-inklużjoni fit-test finali tal-Ftehim.
- Monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet:

14 Li l-infiq għalih MHUWIEX kopert mill-ammont ta' referenza.
15 Li l-infiq għalih MHUWIEX kopert mill-ammont ta' referenza.
16 Li l-infiq għalih MHUWIEX kopert mill-ammont ta' referenza.

- il-monitoraġġ minn jum għall-ieħor tal-ftehimiet dwar is-sajd,

- tħejjija u verifikazzjoni tal-impenji u tal-ħlasijiet tal-kumpens finanzjarju u ta' kull kontribuzzjoni supplimentari speċifika;,

- ir-rappurtar regolari dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet,

- evalwazzjoni tal-ftehimiet: l-aspetti xjentifiċi u tekniċi,

- it-tħejjija ta' abbozz ta' proposta għal Regolament u Deċiżjoni tal-Kunsill, u t-tħejjija tat-test tal-Ftehim,

- it-tnedija u l-monitoraġġ tal-proċeduri tal-adozzjoni.

- Assistenza teknika:

  - il-preparazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni fid-dawl tal-Kumitat konġunt.

- Relazzjonijiet interistituzzjonali:

  - rappreżentanza tal-Kummissjoni quddiem il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri fil-kuntest tal-proċess tan-negozjati,

  - it-tfassil tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet orali u bil-miktub li jagħmel il-Parlament Ewropew.

- Konsultazzjoni u koordinament bejn id-dipartimenti:

  - il-kollaborazzjoni ma' Direttorati Ġenerali oħra fi kwistjonijiet dwar in-negozjati u l-monitoraġġ tal-ftehimiet,

  - l-organizzazzjoni u l-għoti ta' risposti għall-konsultazzjonijiet bejn is-servizzi.

- Evalwazzjoni:

  - il-parteċipazzjoni fl-aġġornament tal-evalwazzjoni tal-impatt,

  - l-analiżi tal-għanijiet milħuqa u l-indikaturi tal-evalwazzjoni.

8.2.3. Sorsi tar-riżorsi umani (statutarji)

(Fejn ikun iddikjarat aktar minn sors wieħed, indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull sors).

X Karigi li bħalissa huma allokati għat-tmexxija tal-programm li għandhom jinbidlu jew jittawlu

☐ Karigi allokati minn qabel fil-qafas tal-eżerċizzju tal-SPA/PDB għas-sena 2009

☐ Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura SPA/PDB li jmiss

☐ Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid bl-użu ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (assenjar mill-ġdid intern)

☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena kkonċernata

8.2.4. Infiq amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza

(11 01 04/05 – Infiq għall-ġestjoni amministrattiva)

(f'EUR)

Linja tal-baġit: 11010404 (numru u intestatura)	2009	2010	2011	2012	TOTAL
1. Għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati mal-persunal)					
Aġenziji Eżekuttivi[17]					
Assistenza oħra teknika u amministrattiva					
- *intra-muros*					
- *extra-muros*[18]					
- *spejjeż tal-laqgħat*					
Assistenza totali teknika u amministrattiva					

8.2.5. L-ispejjeż tar-riżorsi umani u spejjeż relatati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

(f'EUR)

Tip ta' riżorsi umani	2009	2010	2011	2012	TOTAL
Uffiċjali u persunal temporanju (11 01 01)	20 130[19]	67 100	67 100	46 970	201 300
Persunal iffinanzjat minn Art. XX 01 02 (awżiljarju, SNE, persunal b'kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja ta' baġit)					
Kost totali fuq Riżorsi Umani u nfiq assoċjat (MHUX fl-ammont ta' referenza)	20 130	67 100	67 100	46 970	201 300

[17] Għandha ssir referenza għall-prospett leġiżlattiv, speċifikament l-Aġenzjija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

[18] Ara n-nota 18, f'qiegħ il-paġna.

[19] Amounts for 2009 and 2012 calculated pro rata (3 months in 2009 and 9 months in 2012)

Kalkolu – **L-Uffiċjali u l-aġenti kontrattwali**

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk tkun tapplika

1A = EUR 122 000 x 0.25 = EUR 30 500

1B = EUR 122 000 x 0.15 = EUR 18,300

1C = EUR 122 000 x 0.15= EUR 18 300

Subtotal: EUR 67 100 EUR (EUR 0.0671 miljun fis-sena)

8.2.6. Spejjeż oħra amministrattivi mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

	2009	2010	2011	2012	TOTAL
11 01 02 11 01 – Missjonijiet	5 000	15 000	15 000	15 000	50 000
11 01 02 11 02 - Laqgħat u Konferenzi					
XX 01 02 11 03 – Kumitati[20]					
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet					
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni					
2. Total ta' nfiq ieħor ta' ġestjoni (XX 01 02 11)					
3. Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika billi tindika referenza għal-linja tal-bażit)					
Infiq amministrattiv totali, barra mir-riżorsi umani u l-infiq assoċjat (MHUX inkluż fl-ammont ta' referenza)	**5 000**	**15 000**	**15 000**	**15 000**	**50 000**

[20] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jkun fih.